MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 171/2015LM

**Avv. Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali ta' Aerotron Limited, soċjetà estera reġistrata fl-Ingilterra**

***vs.***

**Hermes Aviation Limited (C54428)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Frar, 2015 mill-avukat Nicholas Valenzia (ID numru 3181M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà attriċi **Aerotron Limited,** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), kif debitament awtorizzat, u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent nomine jinsab debitament awtorizzat sabiex jirrappreżenta lis-soċjetà attriċi Aerotron Limited;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi hija waħda mill-fornituri ewlenin fl-Ewropa fl-industrija tal-avjazzjoni ċivili u toffri servizzi varji lill-klijenti internazzjonali tagħha, fosthom kiri ta' ajruplani;*

3. *Illi s-soċjetà attriċi hija l-proprjetarja tal-ajruplan 9H-HER Boeing 737-4K5HGW MSN 24901, liema ajruplan jinsab mikri lil u operat mill-kumpannija konvenuta Hermes Aviation Limited u dan in forza ta' Aircraft Lease Agreement datat 26 ta' Marzu, 2014, li kopja tiegħu tinsab hawn annessa bħala Dok. NV1;*

4. *Illi s-soċjetà attriċi ssostni li kien hemm ksur ripetut tat-termini tal-ftehim imsemmi, u dan ġie formalment ravviżat mill-esponenti lill-konvenuta permezz ta' Notice of Default datata 13 ta' Jannar, 2015, li kopja tagħha tinsab hawn annessa bħala Dok. NV2;*

5. *Illi prinċipalment il-ħruġ tan-Notice of Default imsemmi da parti tas-soċjetà attriċi huwa dovut għall-morożità tal-kumpannija konvenuta fil-ħlas tal-kera tal-ajruplan, oltre għal maintenance reserves. Oltre minn hekk, is-soċjetà attriċi ġiet a konjizzjoni tal-fatt li l-kumpannija konvenuta sofriet minn bidla drastika fil-kundizzjoni finanzjarja tagħha dovuta fost l-oħrajn għal pretensjonijiet avvanzati minn Transport Malta, rappurtaġġ fil-media Maltija kif ukoll dik Taljana dwar nuqqasijiet fis-servizz tal-linja tal-ajru tagħha, u nuqqasijiet fir-rigward tal-assiguraturi tal-ajruplan u kif ukoll morożità fil-ħlas ta' air navigation charges. Dan il-bdil fil-kundizzjoni finanzarja tal-konvenuta jippreġudika l-istess operat tagħha, għaliex ebda linja tal-ajru ma tkun f'qagħda li twettaq l-obbligi tagħha, anke taħt direttivi u konvenzjonijiet internazzjonali, jekk ma tkunx f'kundizzjoni finanzjarja tali illi tippermettilha tagħmel dan;*

6. *Illi fiċ-ċirkostanzi s-soċjetà attriċi għandha l-jedd li tittermina l-Aircraft Lease Agreement imsemmi u konsegwentement tipproċedi sabiex tieħu lura l-pussess tal-ajruplan flimkien mad-dokumenti uffiċjali relattivi (magħrufa bħala aircraft documentation u historical records) tal-ajruplan, u dan ukoll b'riserva tad-dritt tagħha li titħallas l-ammonti dovuti lilha mill-kumpanija konvenuta, konsistenti fis-somma ta' USD 234,588.77 ekwivalenti għal €207,625.35, jew somma verjuri, bħala arretrati ta' kera għall-ajruplan oltre għal somma ulterjuri rappreżentanti maintenance reserves (pendenti sa mix-xahar ta' Ottubru 2014) u spejjeż oħra, u dan billi tali ammont jiġi paċut mal-ammont imħallas mill-kumpannija konvenuta bħala Security Payment ai termini tal-istess kuntratt;*

7. *F'dan ir-rigward, jingħad illi ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet, Hermes Aviation Limited kellha żżomm fis-seħħ Security Payment bħala garanzija għall-ħlasijiet u għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont il-kuntratt;*

8. *Illi d-diversi defaults ta' Hermes Aviation Limited wasslu għall-ħruġ ta' Notice of Termination mis-soċjetà attriċi datat 14 ta' Jannar, 2015 (kopja annessa Dok. NV 3) fejn hija infurmat lill-kumpannija konvenuta li l-Aircraft Lease Agreement kien qed jiġi terminat ai termini tal-artikolu 23.2.1 tal-istess ftehim;*

9. *Illi sabiex tipproteġi l-pretensjonijiet tagħha, u prinċipalment sabiex ma jiġix ippreġudikat il-valur tal-ajruplan bħala sid tal-ajruplan u tad-dokumenti relattivi, is-soċjetà attriċi ppreżentat mandat ta' deskrizzjoni kontra l-kumpannija konvenuta (numru 62/2015) nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar, 2015. Kontestwalment ma' dan il-mandat is-soċjetà attriċi talbet u ottjeniet il-ħatra ta' kunsinnatarju sabiex dan iżomm fil-pussess tiegħu d-dokumenti tal-ajruplan sakemm tiġi determinata l-materja ta' din il-vertenza;*

10. *Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, il-kumpanija konvenuta baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

(i) *Tiddikjara li l-Aircraft Lease Agreement datat 26 ta' Marzu, 2014 u li permezz tiegħu is-soċjetà attriċi kriet lill-kumpannija konvenuta l-ajruplan 9H-HER Boeing 737-4K5HGW MSN 24901 huwa terminat;*

(ii) *Tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex tagħti lura lis-soċjetà attriċi l-pussess tal-ajruplan 9H-HER Boeing 737-4K5HGW MSN 24901, flimkien mad-dokumenti uffiċjali relattivi tal-istess ajruplan, u tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti l-oħrajn kollha neċessarji u opportuni.*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju ppreżentat nhar l-14 ta' Jannar, 2015 (64/2015), kontra l-kumpannija konvenuta illi hija minn issa inġunta għas-subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Hermes Aviation Limited** (C54428) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' April, 2015, u maħlufa minn Paolo Di Grandi (Karta tal-Identità

Taljana Numru 2218467), in rappreżentanza tal-istess kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

*1. Illi preliminarjament, b'kull rispett, il-mandatarju speċjali tas-soċjetà estera għandu jippreżenta prova dokumentarja oriġinali illi huwa għandu l-awtorità jaġixxi f'isem u għas-soċjetà attriċi;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikors u t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma proċeduralment u legalment insostenibbli stante li ma hemmx indikazzjoni tal-Artikolu tal-liġi li fuqu qed jiġu bbażati t-talbiet promossi minnha u għaldaqstant it-talbiet mhumiex imsejsa fuq dispożizzjoni tal-liġi u għalhekk għandhom jiġu riġettati;*

*3. Illi inoltre, minkejja d-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' Frar, 2015, fejn dina l-Qorti ordnat lis-soċjetà attriċi (jew aħjar lill-attur nomine) sabiex fi żmien tletin (30) jum min-notifika tad-Digriet jippreżenta affidavit fejn jagħti l-fatti kollha rilevanti għat-talbiet tiegħu u jippreżenta lista ta' xhieda u dokumenti ulterjuri, b'notifika lill-kontro-parti, l-istess soċjetà attriċi (u l-istess attur nomine) naqsu milli jaġixxu in ottemperanza tad-Digriet;*

*4. Illi fil-mertu u fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta tirrispinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*5. Illi filwaqt illi huwa minnu li s-soċjetà attriċi hija l-proprjetarja tal-ajruplan 98-HER Boeing 738-4K5HGW MSN 24901, liema ajruplan kien ġie mikri lis-soċjetà intimata in forza ta' Aircraft Lease Agreement datat 26 ta' Marzu, 2014 (anness mar-Rikors Ġuramentat tas-soċjetà attriċi bħala Dok. NV1), mhux minnu iżda illi kien hemm ksur ripetut mis-soċjetà intimata tat-termini tal-ftehim imsemmi li b'xi mod kien jimmerita t-temm tal-kirja de quo; illi kuntrarjament għal dan, kienet is-soċjetà attriċi illi mill-ewwel ġurnata tal-kirja kienet kisret hi t-termini u l-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt ta' kirja kif ser jiġi spjegat u ppruvat waqt is-smigħ tal-provi;*

*6. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju, kienet is-soċjetà attriċi illi aġixxiet in mala fede assoluta sabiex ħabta u sabta irnexxielha twaqqaf l-operat tas-soċjetà intimata meta hi kienet taf illi s-soċjetà intimata kellha obbligi kuntrattwali ma' terzi li kellha twettaq biex hekk ikkawżatilha danni serji u telf ta' kuntratti u ta' dħul u dan minbarra d-dannu li sar lill-isem u lir-reputazzjoni tas-soċjetà intimata kemm f'għajnejn il-pubbliku kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti stante illi s-soċjetà intimata kellha tieqaf topera ħabta u sabta minħabba l-aġir illegali tas-soċjetà attriċi liema aġir kien bi ksur lampanti tal-kuntratt imsemmi bejn il-partijiet;*

*7. Illi bir-rispett kollu, is-soċjetà attriċi qed tiżvija lil din l-Onorabbli Qorti billi qegħda intenzjonalment taħbi nofs il-verità tal-kwistjoni u ċioè numru ta' fatti illi wasslu għas-sitwazzjoni li llum il-partijiet jinsabu fiha;*

*8. Illi s-soċjetà attriċi tinjora jew taħbi l-fatt li mill-ewwel ġurnata tal-kirja kienet ikkunsinnat ajruplan li ma kienx konformi mat-termini tal-kuntratt, jew aħjar mal-'conditions of delivery' ma' liema l-ajruplan suppost jikkonforma mill-ewwel ġurnata tal-kirja skont il-kuntratt bejn il-partijiet tant illi d-dokumenti li kienet ippreżentat is-soċjetà attriċi meta kkunsinnat l-ajruplan kienu jgħidu mod (u ċioè li kienu saru t-testijiet u l-manutenzjonijiet neċessarji), iżda fil-verità dan ma kienx minnu u saħansitra l-ajruplan mhux biss ma kinux sarulu l-manutenzjonijiet kollha (kif kienu jixhdu dawn id-dokumenti), iżda infatti l-ajruplan kellu jieqaf milli jtir sabiex isirulu mhux biss mantuenzjoni iżda tiswijiet għall-ħsarat li s-soċjetà intimata saret taf bihom biss wara li kienet bdiet il-kirja u biss wara li ħadet l-ajruplan u dan meta s-soċjetà intimata kienet ġia ħallset ammonti sostanzjali lis-soċjetà attriċi kif ukoll lil terzi sabiex bdiet l-operat tagħha b'kuntratti biex tagħti servizzi lill-passiġġieri tal-ajru fi transport pubbliku tal-ajru;*

*9. Illi in fatti s-soċjetà intimata kienet ħallset ġia, fi żmien sitt xhur biss, ammont ta' circa miljun Dollaru ($1,000,000) jew iżjed lis-soċjetà Aerotron Limited;*

*10. Illi dan kollu ser jiġi spjegat aktar fid-dettall waqt is-smigħ tal-provi – iżda minn issa s-soċjetà intimata tenfasizza illi dan kien ix-xenarju li hija kellha taffaċċja għal ġimgħat u xhur fejn ma setgħetx topera l-operat tagħha kif kien maħsub u kif intenzjonat bil-kirja tal-ajruplan għaliex fil-fatt l-ajruplan ma setax itir minħabba l-manutenzjoni u r-riparazzjonijiet li kellhom isiru;*

*11. Illi minkejja dan kollu s-soċjetà attriċi għandha l-wiċċ li tippreżenta dina n-nofs verità lil din l-Onorabbli Qorti u tipprova tpinġi stampa totalment differenti billi tagħti l-impressjoni li s-soċjetà intimata kellha nuqqasijiet li kienu biss tort tagħha inkluż fil-konfront tal-passiġġieri u tal-awtoritajiet kompetenti. Illi dan kollu meta s-soċjetà attriċi taf biżżejjed illi ħafna mill-problemi li kellha taffaċċja s-soċjetà intimata (bħal per eżempju mal-Awtorità kompetenti) kienu biss riżultat tal-fatti u ċ-ċirkostanzi suesposti u mhux għaliex is-soċjetà intimata aġixxiet bi ksur tal-kuntratt;*

*12. Illi in fatti minħabba li l-operat tas-soċjetà intimata kellu jitwaqqaf, is-soċjetà intimata ma setgħetx tħallas xi pagamenti lill-Awtorità kompetenti immedjatament u dan għaliex id-dħul tas-soċjetà intimata waqaf għal kollox mingħajr preavviż. Illi minkejja dan kollu s-soċjetà intimata tagħmilha ċara – u bir-rispett kollu s-soċjetà attriċi taf – illi 'illum is-soċjetà intimata ħallset l-ammonti dovuti lill-Awtorità fl-*

*ammont globali ta' €56,420.92, hekk kif jafferma d-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok. H1';*

*13. Illi kif taf tajjeb is-soċjetà attriċi, l-intenzjonijiet u l-aġir tas-soċjetà intimata kienu dejjem in buona fede, u ċioe il-ħsieb tagħha kien sabiex il-partijiet jikkollaboraw flimkien biex il-kirja bejniethom u bl-operat tas-soċjetà intimata, iż-żewġ partijiet jiggwadanjaw għal tul ta' żmien – iżda mhux l-istess kienet l-intenzjoni tas-soċjetà attriċi;*

*14. Illi kien għalhekk li s-soċjetà intimata ħassitha ferm aggravata bl-aġir skorrett tas-soċjetà attriċi meta, fil-waqt illi l-partijiet kienu qegħdin jitkellmu bejniethom sabiex jaslu għal ftehim ta' kif kellhom jitħallsu ċertu pagamenti skont il-kuntratt tal-kirja (u dan fil-kuntest tal-fatti suesposti) u in fatti kienu qegħdin jikkorrispondu bejniethom (tant li s-soċjetà attriċi kienet anke wriet li aċċettat ir-responsabbilità u kienet lesta tħallas għad-danni għal żmien li l-ajruplan ma setax itir) l-istess soċjetà intimata sabet ma' wiċċha, mingħajr pre-avviż ta' xejn, il-mandat ta' deskrizzjoni flimkien ma' Rikors għall-elevazzjoni tad-dokumenti kollha tekniċi tal-ajruplan, liema mandat a bażi tal-allegazzjoni infondata tas-soċjetà attriċi li d-dokumenti setgħu jintilfu jew isirulhom ħsara, iżda fir-realtà saret biss bl-intendiment li jitwaqqaf għal kollox l-operat tas-soċjetà intimata – u dan għaliex mingħajr id-dokumenti relattivi tekniċi tal-ajruplan is-soċjetà intimata ma kinitx f'pożizzjoni li tibqa' topera titjiriet;*

*15. Illi s-soċjetà intimata kienet taf li dan kien ser ikun ir-riżultat tal-azzjoni li għoġobha tieħu – tant illi, li kieku riedet tipproteġi d-dokumenti kien ikun biżżejjed li tagħmel mandat ta' deskrizzjoni – iżda saħansitra marret pass oltre u talbet sabiex id-dokumenti jiġu elevati biex tpoġġew għand kunsinnatarju tal-għażla tagħha - u dan minkejja li qatt ma kellha xi ħjiel ta' prova illi d-dokumenti verament kienu f'riskju jew perikolu;*

*16. Illi interessanti ferm – u s-soċjetà intimata qed tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilha f'dan ir-rigward, illi dak il-kunsinnatarju kien, sal-ġurnata stess illi ntalab il-ħruġ tal-mandat ta' deskrizzjoni, jagħti servizz hu stess lis-soċjetà intimata u kien b'sorpriża kbira għas-soċjetà intimata li, indubbjament bi ftehim illeċitu u in mala fede mas-soċjetà attriċi, wara dahar is-soċjetà intimata, bagħat ittra lis-soċjetà intimata biex jinfurmaha li kien qed iwaqqaf is-servizz li kellu magħha – biex wara (u proprju ġurnata wara) aċċetta li jkun kunsinnatarju tad-dokumenti tal-ajruplan hekk kif innominatu s-soċjetà attriċi;*

*17. Illi interessanti għal din l-Onorabbli Qorti li tifhem illi dawn il-proċeduri tal-mandat u r-rikors għall-elevazzjoni inbdew mis-soċjetà attriċi bi preżentata fir-*

*Reġistru tal-Qorti fl-14 ta' Jannar, 2015 – u ċioe biss ġurnata wara d-data tan-Notice of Default (Dok. NV 2 anness mar-Rikors promutur) tas-soċjetà attriċi datata 13 ta' Jannar, 2015 – u biss ġurnata qabel ma l-istess soċjetà attriċi għoġobha tibgħat ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt datat 14 ta' Jannar, 2015 – dan meta sal-lejl tat-13 ta' Jannar, il-partijiet suppost kienu għadhom fi trattattivi amikevoli biex jiftehmu fuq kif u meta ser isiru l-pagamenti relattivi mis-soċjetà intimata (kif ukoll rigward l-ammont li kienet lesta taċċetta tħallas is-soċjetà attriċi minħabba n-nuqqasijiet tagħha) u ċertament mingħajr ebda diskors minn parti jew oħra dwar ksur ta' kuntratti jew xi intenzjoni u/jew ħtieġa li jitwaqqaf il-kuntratt;*

*18. Illi f'dan il-kuntest is-soċjetà intimata tirriserva d-drittijiet tagħha illi tiftaħ proċeduri hi sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha u sabiex tirkupra spejjeż u danni li hija sofriet bl-aġir illegali u bi ksur tal-kuntratt mas-soċjetà attriċi;*

*19. Illi inoltre għas-suespost, bir-rispett kollu s-soċjetà attriċi trid tiddeċiedi dwar il-pożizzjoni li qed tieħu għaliex min-naħa l-waħda qed tgħid illi hija tterminat il-kirja u l-kuntratt bl-ittra tagħha tal-14 ta' Jannar 2015 u min-naħa l-oħra qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara hi li l-kuntratt huwa terminat;*

*20. Illi fl-opinjoni umli tas-soċjetà intimata hija proprja s-soċjetà attriċi li aġixxiet bi ksur tal-kuntratt b'mod illi unilateralment waqqfet lill-partijiet milli jkomplu bil-kuntratt u għoġobha hi tieħu azzjoni li waqqfet l-effetti kollha tal-kuntratt bi ksur tat-termini tal-istess ftehim – partikolarment iżda mhux biss Klawsola Nru. 5.1.1 tal-Kuntratt kif ukoll il-Klawsola Nru. 10.1 tal-istess;*

*21. Illi għal kull buon fini s-soċjetà attriċi saħansitra kienet informat lill-Awtorità Transport Malta illi hija kienet itterminat il-kirja;*

*22. Illi inoltre u b'kull rispett lejn dina l-Qorti u d-deċiżjoni tagħha (diversament ippreseduta), rigward it-talba tas-soċjetà intimata biex il-mandat ta' deskrizzjoni jiġi revokat, is-soċjetà intimata tibqa' tikkontendi illi l-proċeduri li applikat is-soċjetà attriċi għall-ħruġ tal-mandat u l-elevazzjoni tad-dokumenti kienu illegali u bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tirriserva d-drittijiet kollha tagħha sabiex tappella d-deċiżjoni de quo stante illi l-ħsieb tal-leġislatur kien illi f'kuntest ta' ajruplan li jġorr passiġġieri bħala transport pubbliku wieħed jista' jitlob <u>biss</u> mandat kawtelatorju ta' arrest kontra ajruplani ta' dan it-tip u biss f'ċertu ċirkostanzi (ċioè basta li jkunu ġew sodisfatti ċertu kriterji) u għaldaqstant, meta s-soċjetà attriċi talbet ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni u talbet sabiex jiġu elevati d-dokumenti tekniċi kollha tal-ajruplan (li ai termini tal-liġi nostrana kif ukoll il-kuntratt*

*tal-kiri proprju jiffurmaw l-ajruplan), hija aġixxiet bi ksur tal-liġijiet ta' Malta b'riżultat li s-soċjetà intimata sofriet danni inġenti bħala konsegwenza;*

*23. Illi inoltre dan l-aġir tas-soċjetà attriċi kien aġir bi ksur tal-prinċipji bażilari tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe illi kuntratt irid jiġi magħmul, u esegwit in buona fede u dan kif imfisser inter alia fl-artikolu 933 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ai termini tal-artikolu 1125 tal-istess Kap. li jiddisponi illi persuna li tkun naqset milli tesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta hu obbligat għad-danni.*

*Illi għaldaqstant għar-raġunijiet premessi t-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjetà attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lis-soċjetà esponenti;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ inkluż tal-kontro-mandat 64/2015.*

Rat il-Kontro-Talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta **Hermes Aviation Limited** (C54428), ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, li ġiet maħlufa minn Paolo Di Grandi (Numru tal-Karta tal-Identità Taljana 2218467), li tgħid kif ġej:

1. *Illi, billi s-soċjetà intimata Hermes Aviation Limited tixtieq tipprevalixxa ruħha mir-rikors ġuramentat ippreżentat kontra tagħha mill-attriċi u debitament notifikat lilha sabiex tippreżenta l-odjerna kontro-talba;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi hija l-proprjetarja tal-ajruplan 98-HER Boeing 738-4K5HGW MSN 24901, liema ajruplan kien ġie mikri lis-soċjetà intimata in forza ta' Aircraft Lease Agreement datat 26 ta' Marzu, 2014 (anness mar-Rikors Ġuramentat tas-soċjetà attriċi bħala Dok. NV1);*

3. *Illi kif taf tajjeb is-soċjetà attriċi, l-intenzjonijiet u l-aġir tas-soċjetà intimata kienu dejjem in buona fede, u ċioè il-ħsieb tagħhom kien sabiex il-partijiet jikkollaboraw flimkien biex bil-kirja bejniethom u bl-operat tas-soċjetà intimata, iż-żewġ partijiet jiggwadanjaw għal tul ta' żmien – iżda mhux l-istess kienet l-intenzjoni tas-soċjetà attriċi;*

4. *Illi s-soċjetà intimata tikkontendi, qabel xejn illi s-soċjetà attriċi mill-ewwel ġurnata tal-kirja kienet qed taġixxi bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt ta' kirja kif ser jiġi spjegat u ppruvat waqt is-smigħ tal-provi;*

5. *Illi s-soċjetà intimata ssostni illi s-soċjetà attriċi aġixxiet in mala fede assoluta sabiex ħabta u sabta rnexxielha twaqqaf l-operat tas-soċjetà intimata meta hi kienet taf illi s-soċjetà intimata kellha obbligi kuntrattwali oħra ma' terzi li kellha twettaq biex b'hekk ikkawżatilha danni serji u telf ta' kuntratti u ta' dħul u dan minbarra d-dannu li sar lill-isem u lir-reputazzjoni tas-soċjetà intimata kemm f'għajnejn il-pubbliku kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti stante illi s-soċjetà intimata kellha tieqaf topera ħabta u sabta minħabba l-aġir illegali tas-soċjetà attriċi liema aġir kien bi ksur lampanti tal-kuntratt imsemmi bejn il-partijiet;*

6. *Illi s-soċjetà attriċi ikkunsinnat ajruplan li ma kienx konformi mat-termini tal-kuntratt, jew aħjar mal-'conditions at delivery' ma' liema l-ajruplan kellu suppost jikkonforma mill-ewwel ġurnata tal-kirja tant illi d-dokumenti li kienet ippreżentat is-soċjetà attriċi meta kkunsinnat l-ajruplan kienu jgħidu mod (u ċioè illi kienu saru t-testijiet u l-manutenzjonijiet kollha neċessarji) iżda fil-verità dan ma kienx minnu u saħansitra l-ajruplan mhux biss ma kinux sarulu l-manutenzjonijiet kollha (kif kienu jixhdu d-dokumenti) iżda infatti l-ajruplan kellu jieqaf milli jtir sabiex isirulu mhux biss manutenzjoni iżda wkoll tiswijiet għall-ħsarat li s-soċjetà intimata saret taf bihom biss wara li kienet bdiet il-kirja u biss wara li ħadet l-ajruplan u kienet ġia ħallset ammonti sostanzjali lis-soċjetà attriċi kif ukoll lil terzi sabiex bdiet l-operat tagħha b'kuntratti biex tagħti servizzi lill-passiġġieri tal-ajru fi trasport pubbliku tal-ajru (vide fost l-oħrajn 'Dok. H2' u 'Dok. H3');*

7. *Illi kien għalhekk illi s-soċjetà intimata ħassitha ferm aggravata bl-aġir skorrett tas-soċjetà attriċi meta, filwaqt illi l-partijiet kienu qegħdin jitkellmu bejniethom sabiex jaslu għal ftehim ta' kif kellhom jitħallsu ċertu pagamenti skont il-kuntratt tal-kirja (u dan fil-kuntest tal-fatti suesposti), u in fatti kienu qegħdin jikkorrispondu bejniethom (tant li s-soċjetà attriċi kienet anke wriet li aċċettat ir-responsabbilità u kienet lesta tħallas danni għal żmien li l-ajruplan ma setax itir – vide 'Dok. H4'), l-istess soċjetà intimata sabet ma' wiċċha, mingħajr pre-avviż ta' xejn, il-mandat ta' deskrizzjoni flimkien ma' rikors għall-elevazzjoni tad-dokumenti kollha tekniċi tal-ajruplan, liema mandat a bażi tal-allegazzjoni infondata tas-soċjetà attriċi li d-dokumenti setgħu jintilfu jew isirulhom ħsara, iżda fir-realtà saret biss bl-intendiment li jitwaqqaf għal kollox l-operat tas-soċjetà intimata – u dan għaliex mingħajr id-dokumenti relattivi tekniċi tal-ajruplan is-soċjetà intimata ma kinitx f'pożizzjoni li tibqa' topera titjiriet;*

8. *Illi s-soċjetà intimata kienet taf li dan kien ser ikun ir-riżultat tal-azzjoni li għoġobha tieħu – tant illi, li kieku riedet tipproteġi d-dokumenti kien ikun biżżejjed li tagħmel mandat ta' deskrizzjoni – iżda saħansitra marret pass oltre u talbet sabiex id-dokumenti jiġu elevati biex tpoġġew għand kunsinnatarju tal-għażla tagħha – u dan minkejja li qatt ma kellha xi ħjiel ta' prova illi d-dokumenti verament kienu f'riskju jew f'periklu;*

9. *Illi s-soċjetà intimata qed tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilha f'dan ir-rigward stante illi dak il-kunsinnatarju kien, sal-ġurnata stess illi ntalab il-ħruġ tal-mandat ta' deskrizzjoni, jagħti servizz hu stess lis-soċjetà intimata u kien b'sorpriża kbira għas-soċjetà intimata li, indubbjament bi ftehim illeċitu u in mala fede mas-soċjetà attriċi, wara dahar is-soċjetà intimata, bagħat ittra lis-soċjetà intimata biex jinfurmaha li qed iwaqqaf is-servizz li kellu magħha – biex wara aċċetta li jkun kunsinnatarju tad-dokumenti tal-ajruplan hekk kif innominatu s-soċjetà attriċi (vide fost oħrajn 'Dok. H5');*

10. *Illi interessanti għal dina l-Onorabbli Qorti tapprezza illi dawn il-proċeduri tal-mandat u r-rikors għall-elevazzjoni nbdew mis-soċjetà attriċi bi preżentata fir-Reġistru tal-Qorti fl-14 ta' Jannar, 2015 – u ċioè biss ġurnata wara d-data tan-Notice of Default (Dok. NV2 anness mar-Rikors promutur) tas-soċjetà attriċi datata 13 ta' Jannar, 2015 – u biss ġurnata qabel mal-istess soċjetà attriċi għoġobha tibgħat ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt datat 14 ta' Jannar, 2015 – dan meta sal-lejl tat-13 ta' Jannar il-partijiet suppost kienu għadhom fi trattattivi amikevoli biex jiftehmu fuq kif u meta ser isiru l-pagamenti relattivi mingħajr ebda diskors minn parti jew oħra dwar ksur ta' kuntratti jew xi intenzjoni u/jew ħtieġa li jitwaqqaf il-kuntratt;*

11. *Illi fl-opinjoni umli tas-soċjetà intimata hija proprja s-soċjetà attriċi li aġixxiet bi ksur tal-kuntratt b'mod illi unilateralment waqqfet lill-partijiet milli jkomplu bil-kuntratt u għoġobha hi tieħu azzjoni li waqqfet l-effetti kollha tal-kuntratt bi ksur tat-termini tal-istess ftehim – partikolarment iżda mhux biss Klawsola 5.1.1 tal-Kuntratt kif ukoll Klawsola Numru 10.1 tal-istess;*

12. *Illi l-aġir tas-soċjetà attriċi kien aġir bi ksur tal-prinċipji bażilari tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe illi kuntratt irid jiġi magħmul u esegwit in buona fede u dan kif imfisser inter alia fl-artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u inoltre, ai termini tal-artikolu 1125 tal-istess Kap., persuna li tkun naqset milli tesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta hu obbligat għad-danni;*

13. *Illi permezz ta' dan l-aġir, kif ser jiġi ppruvat, is-soċjetà Hermes Aviation Limited sofriet danni inġenti serji u irreparabbli illi jammontaw għal mijiet ta' eluf ta' Euro u għaldaqstant is-soċjetà intimata hija kostretta, illi mhux biss tiddefendi l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tar-Rikors tas-soċjetà attriċi iżda saħansitra tintavola din il-proċedura b'kontro-talba sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha u sabiex titlob ir-riżarċiment tad-danni sofferti;*

14. *Illi s-soċjetà intimata interpellat lill-kumpannija attriċi diversi drabi, iżda nonostante d-diversi interpellazzjonijiet hija baqgħet inadempjenti (vide per eżempju Dok. H6 u Dok. H7);*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjetà attriċi għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet hawn fuq premessi:*

(1) *Tikkunsidra u tiddikjara illi s-soċjetà attriċi naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet inkluż iżda mhux biss (i) meta naqset milli tonora l-obbligi tagħha illi tiggarantixxi pussess paċifiku naxxenti mill-kuntratt, u/jew (ii) meta naqset milli tonora l-obbligi kontrattwali tagħha rigward il-conditions of delivery skont il-kuntratt u/jew (iii) meta tterminat il-kuntratt;*
(2) *Tikkunsidra u tiddikjara illi s-soċjetà attriċi naqset milli taġixxi u/jew tesegwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet in buona fede;*
(3) *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà intimata inter alia dawk riżultanti inter alia mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, u mit-twaqqif abbużiv tal-operat tagħha;*
(4) *Tordna u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas is-somma dovuta hekk likwidata;*
(5) *Tordna lis-soċjetà attriċi tħallas lura lis-soċjetà intimata s-Security Deposit;*

*U dan prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna; Bl-ispejjeż inklużi tar-risposta u ta' din il-kontro-talba, tar-revoka mandat numru 62/2015, bl-imgħaxijiet, u bl-inġunzjoni tas-soċjetà attriċi għas-subizzjoni.*

*B'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-istanti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata **Aerotron Limited** għall-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti Hermes Aviation Limited, li ġiet ippreżentata fit-30 ta' April, 2015, b'dikjarazzjoni ġuramentata

maħlufa minn Dr Nicholas Valenzia (ID numru 3181M), f'isem is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, kif debitament awtorizzat, li biha eċċepixxa:

1. *Illi qabel xejn it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex mhux minnu li l-attriċi rikonvenzjonata naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet, u anzi hija proprju l-konvenuta rikonvenzjonanti li kisret ripetutament il-ftehim imsemmi;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt li jeħtieġ li l-konvenuta rikonvenzjonanti tipprova l-allegazzjoni tagħha ta' nuqqas ta' buona fidi, l-attriċi rikonvenzjonata tiċħad kategorikament tali allegazzjoni li hija waħda purament frivola u vessatorja;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-grounding tal-ajruplan fil-fatt seħħ b'konsegwenza tan-nuqqasijiet imputabbli biss lill-konvenuta rikonvenzjonanti u ċertament l-attriċi rikonvenzjonata ma taħti bl-ebda mod għal tali grounding;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda bir-rispett kollu tonqos mir-rispett dovut lejn din l-Onorabbli Qorti billi sfaċċatament tostina ruħha bl-attakk li l-mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju (mandat numru 64/2015) flimkien mal-ħatra ta' kunsinnatarju huwa abbuż illegali minkejja li din l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) ġia esprimiet ruħha f'dan ir-rigward billi ċaħdet it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti għar-revoka tal-istess mandat;*

5. *Illi, fil-mertu dwar it-talba għad-danni, u b'żieda ma' dak li ġia ntqal, ma huma dovuti ebda danni stante illi:*

    *(i) Safejn qed jintalbu danni riżultanti mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, l-attriċi rikonvenzjonata bl-ebda mod ma kisret l-imsemmi kuntratt;*
    *(ii) Safejn qed jintalbu danni riżultanti mit-twaqqif abbużiv tal-operat tal-konvenuta rikonvenzjonanti, hija proprju din tal-aħħar li għażlet li twaqqaf l-operat tagħha b'konsegwenza tal-gwaj kollu li daħlet fih hi stess imputabbli għal ċirkostanzi li jmorru lil hinn mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet;*
    *(iii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-entità tad-danni mitluba mill-konvenuta rikonvenzjonanti m'huwa xejn ċar fit-talba numru tlieta (3) għal-likwidazzjoni tad-danni billi bl-użu ripetut tal-kliem 'inter alia' donnha qed tagħti x'tifhem li jista' jkun hemm ċirkostanzi oħrajn li skont*

*hi għandhom iwasslu għal-likwidazzjoni tad-danni mingħajr ma tispeċifika dawn iċ-ċirkostanzi x'inhuma u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda;*

*(iv) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li ssir prova tad-danni allegati;*

*(v) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiolu 158 (3) (ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*1.1 Illi għandu jingħad mill-bidunett illi mhux minnu li l-attriċi rikonvenzjonata naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet, u anzi hija proprju l-konvenuta rikonvenzjonanti li kisret ripetutament il-ftehim imsemmi;*

*1.2 Illi prinċipalment id-defaults tal-konvenuta rikonvenzjonanti jikkonsistu fil-morożità tagħha fil-ħlas tal-kera tal-ajruplan, oltre għal maintenance reserves. Oltre minn hekk, l-attriċi rikonvenzjonata ġiet a konjizzjoni tal-fatt li l-konvenuta rikonvenzjonanti sofriet minn bidla drastika fil-kundizzjoni finanzjarja tagħha, dovuta fost l-oħrajn għall-pretensjonijiet avvanzati minn Transport Malta, rappurtaġġ fil-media Maltija kif ukoll dik Taljana dwar nuqqasijiet fis-servizz tal-linja tal-ajru tagħha, u nuqqasijiet fir-rigward tal-assiguraturi tal-ajruplan u kif ukoll morożità fil-ħlas ta' air navigation charges. Dan il-bdil fil-kundizzjoni finanzjarja tal-konvenuta rikonvenzjonanti jippreġudika l-istess operat tagħha, għaliex ebda linja tal-ajru ma tkun f'qagħda li twettaq l-obbligi tagħha, anke taħt direttivi u konvenzjonijiet internazzjonali, jekk ma tkunx f'kundizzjoni finanzjarja tali illi tippermettilha tagħmel dan;*

*1.3 Illi minkejja li l-konvenuta rikonvenzjonanti tallega ksur tal-ftehim da parti tal-attriċi rikonvenzjonata, fil-kontro-talba tagħha hija tibqa' vaga u tonqos milli tagħti xi ħjiel konkret dwar fejn u meta l-attriċi naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha iżda tagħmel biss allegazzjonijiet ġeneriċi;*

*1.4 Illi dwar ir-riferenza li tagħmel il-konvenuta rikonvenzjonanti għall-kunsinna tal-ajruplan mill-attriċi rikonvenzjonata u l-conditions for delivery, jingħad li għalkemm huwa minnu li kien hemm xi kontrattemp f'dan ir-rigward, kif dejjem ġie rikonoxxut mill-istess attriċi tant kemm dejjem aġixxiet in buona fidi, dan kien ġie riżolt immedjatament u jekk il-konvenuta baqgħet ma*

*ttajjarx l-ajruplan, dan għamlitu unikament għal raġunijiet u ċirkostanzi oħrajn estraneji għall-attriċi;*

2.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt li jeħtieġ li l-konvenuta rikonvenzjonanti tipprova l-allegazzjonijiet tagħha ta' nuqqas ta' bwona fidi, l-attriċi rikonvenzjonata tiċħad kategorikament tali allegazzjoni li hija waħda purament frivola u vessatorja;*

2.2 *Illi anke hawn, il-konvenuta rikonvenzjonanti tonqos milli tagħti ħjiel dwar fejn l-attriċi rikonvenzjonata wriet nuqqas ta' bwona fidi. Dak li donnu qed tikkontendi l-konvenuta huwa li s-sempliċi fatt li l-attriċi għażlet li teżerċita d-drittijiet tagħha skont il-liġi jammonta għal nuqqas ta' bwona fidi – ħaġa din totalment inkonċepibbli;*

2.3 *Illi fi kwalunkwe każ il-bwona fede hija preżunta u hija l-konvenuta rikonvenzjonanti li trid tipprova l-mala fede da parti tal-attriċi rikonvenzjonata;*

3.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-grounding tal-ajruplan fil-fatt seħħ b'konsegwenza tan-nuqqasijiet imputabbli biss lill-konvenuta rikonvenzjonanti u ċertament l-attriċi rikonvenzjonata ma taħti bl-ebda mod għal tali grounding;*

3.2 *Illi l-grounding tal-ajruplan kienet biss għażla tal-konvenuta rikonvenzjonanti li ħadet għal raġunijiet li taf hi jew għal ċirkostanzi li sabet ruħha fihom in konsegwenza diretta tal-azzjonijiet tagħha;*

4.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta rikonenzjonanti qiegħda bir-rispett kollu tonqos mir-rispett dovut lejn din l-Onorabbli Qorti billi sfaċċatament tostina ruħha bl-attakk li l-mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju (mandat nru. 64/2015) flimkien mal-ħatra ta' kunsinnatarju huwa abbuż illegali minkejja li dina l-Onorabbli Qorti (kif diversament preseduta) ġia esprimiet ruħha f'dan ir-rigward billi ċaħdet it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti għar-revoka tal-istess mandat;*

4.2 *Illi dan ifisser li l-att kawtelatorju mitlub u ottjenut mill-attriċi rikonvenzjonata huwa prima facie ġustifikat u huwa inutili li l-konvenuta rikonvenzjonanti tibqa' tinsisti bl-allegazzjoni u twebbes rasha li l-attriċi wettqet xi abbuż f'dan is-sens. Inoltre, fil-kuntest tal-mandat imsemmi u b'rilevanza wkoll għall-kwistjoni dwar it-talba għad-danni, jingħad li fl-ewwel lok, l-operat tal-konvenuta ma twaqqafx b'konsegwenza tal-imsemmi*

*mandat, u fit-tieni lok, is-sempliċi fatt li l-attriċi għamlet użu mill-mezzi li tagħtiha l-liġi u li prima facie huma ġustifikati, ma jista' bl-ebda mod jiġi użat kontriha u jiġi allegat li hija qarrqet bil-konvenuta jew li hija b'xi mod responsabbli għad-danni;*

*5.1 Illi, fil-mertu dwar it-talba għad-danni, u b'żieda ma' dak li ġia ntqal, ma huma dovuti ebda danni stante illi:*

*(i) Safejn qed jintalbu danni riżultanti mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, l-attriċi rikonvenzjonata bl-ebda mod ma kisret l-imsemmi kuntratt u għaldaqstant ma għandhiex tinstab responsabbli għal danni f'dan is-sens;*

*(ii) Safejn qed jintalbu danni riżultanti mit-twaqqif abbużiv tal-operat tal-konvenuta rikonvenzjonanti, hija proprju din tal-aħħar li għażlet li twaqqaf l-operat tagħha b'konsegwenza tal-gwaj kollu li daħlet fih hi stess imputabbli għal ċirkostanzi li jmorru lil hinn mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Jiġi ribadit li l-attriċi ma waqqfitx l-operat tal-konvenuta u wisq anqas waqqfet l-operat tagħha abbużivament;*

*(iii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-entità tad-danni mitlub mill-konvenuta rikonvenzjonanti m'huwa xejn ċar fit-talba numru tlieta (3) għal-likwidazzjoni tad-danni billi bl-użu ripetut tal-kliem 'inter alia' donnha qed tagħti x'tifhem li jista' jkun hemm ċirkostanzi oħrajn li skont hi għandhom iwasslu għal-likwidazzjoni tad-danni mingħajr ma tispeċifika dawn iċ-ċirkostanzi x'inhuma, u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda. Jekk il-konvenuta qed tallega xi azzjonijiet allegatament imwettqa mill-attriċi u li kkaġunaw danni, hija għandha tgħid x'kienu dawn l-azzjonijiet sabiex l-attriċi tkun tista' tilqa' għalihom;*

*6.1 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li ssir prova tad-danni allegati;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 158 (3) (ċ) tal-Kapitolu 12*, *Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi għar-raġunijiet spjegati, il-fatti kollha kif dikjarati mill-kumpannija Hermes Aviation Limited, jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni odjerna tippernja madwar kuntratt għall-kiri ta' ajruplan tal-għamla Boeing 737 li l-partijiet ikkontrattaw bejniethom permezz ta' *Aircraft Lease Agreement* li jġib id-data tas-26 ta' Marzu, 2014. Is-soċjetà attriċi , is-sid tal-ajruplan, intrabtet li tikkonsenja ajruplan li jkun konformi mar-regoli u d-direttivi kollha li għandhom jiġu osservati minn inġenji tal-ajru, liema ajruplan kellu jkun tajjeb biex jittajjar wara manutenzjoni estensiva li kellha ssir fuqu mis-soċjetà attriċi, filwaqt li s-soċjetà konvenuta li kriet l-ajruplan, intrabtet li tħallas ammont ta' flus kull xahar għall-kiri ta' dan l-ajruplan, kif ukoll li tonora termini oħra naxxenti mir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, fosthom li tħallas il-*maintenance reserves,* li tassigura li jkollha l-liċenzji meħtieġa sabiex tkun tista' ttajjar l-ajruplan, li tara li l-ajruplan ikun kopert b'polza tal-assigurazzjoni valida, li taderixxi mad-Direttivi tal-Ajru, u li tagħmel manutenzjoni regolari fuq l-ajruplan kif suġġerit mill-manifattur tal-ajruplan.

Is-soċjetà attriċi tallega li s-soċjetà konvenuta kisret ripetutament it-termini tal-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, billi kienet moruża kemm fil-ħlas tal-kera tal-ajruplan kif ukoll fil-ħlas tal-*maintenance reserves,* u li waqt li kienet qiegħda topera titjiriet kummerċjali, is-soċjetà konvenuta sofriet minn bidliet drastiċi fil-kundizzjoni finanzjarja tagħha, tant li ma baqgħetx f'pożizzjoni li tista' tonora obbligi li kellha ma' Transport Malta, kienet moruża fil-ħlas ta' *air navigation charges,* ma ħallsitx l-*premia* tal-assigurazzjoni, liema fatturi lkoll bdew jaffettwaw l-operabilità tas-soċjetà konvenuta fis-suq tal-avjazzjoni. Inoltre dan kollu beda jaffettwa r-reputazzjoni tas-soċjetà konvenuta fis-suq tal-avjazzjoni, stante li kien hemm anki rappurtaġġi f'diversi sezzjonijiet tal-*media* minħabba li kien hemm titjiriet li tħassru u passiġġieri li tħallew l-art minħabba f'hekk. Is-soċjetà attriċi ppretendiet li hi għandha jedd tittermina l-*Aircraft Lease Agreement,* u li għandha l-jedd tipproċedi biex tieħu lura l-pussess tal-ajruplan flimkien mad-dokumenti uffiċjali relattivi bl-istorja tal-manutenzjoni u l-proċeduri tekniċi li jkun għadda minnhom l-ajruplan, b'riserva għad-dritt tal-ħlas tal-kirjiet li ma kinux tħallsu mis-soċjetà konvenuta, u l-ħlas tal-*maintenance reserves* li kienu ilhom dovuti sa minn Ottubru, 2014, liema ħlasijiet is-soċjetà attriċi tippretendi li għandhom jiġu paċuti mas-*security payment* imħallas mis-soċjetà konvenuta fil-bidu tal-ftehim bejn il-partijiet.

Permezz ta' ittra ta' terminazzjoni, is-soċjetà attriċi bagħtet tinforma lis-soċjetà konvenuta li l-*Aircraft Lease Agreement* kien qiegħed jiġi tterminat b'effett mill-14 ta' Jannar, 2015, u konsegwentement, sabiex tipproteġi l-jeddijiet tagħha, intavolat mandat ta' deskrizzjoni kontra l-konvenuta fl-istess ġurnata. Is-soċjetà attriċi talbet ukoll il-ħatra ta' kunsinnatarju sabiex iżomm fil-pussess tiegħu d-dokumentazzjoni uffiċjali kollha rilevanti tal-ajruplan.

Permezz tal-azzjoni odjerna, is-soċjetà attriċi talbet lil din il-Qorti tiddikjara li l-*Aircraft Lease Agreement* tas-26 ta' Marzu, 2014 ġie tterminat, u talbet ukoll li din il-Qorti toħroġ ordni għar-ritorn tal-ajruplan lura lis-soċjetà attriċi, flimkien mad-dokumenti uffiċjali relattivi tal-ajruplan. Dawn it-talbiet saru minkejja li waqt is-smigħ tal-provi rriżulta li l-ajruplan inkwistjoni jinsab f'idejn is-soċjetà attriċi u li dan inkera lil soċjetà oħra li qiegħda toperah hi.

Is-soċjetà konvenuta rribattiet għal dawn it-talbiet billi mhux biss ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha, iżda wkoll intavolat kontrotalba bil-pretensjonijiet tagħha in vista tal-fatt li qed tallega li hi sofriet danni minħabba fl-aġir tas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li mhux minnu li kien hemm ksur tat-termini tal-ftehim bejn il-partijiet li għandu jwassal biex tintemm il-kirja *de quo,* u li matul din ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, is-soċjetà attriċi aġixxiet in *mala fede* assoluta, b'aġir li minħabba fih is-soċjetà konvenuta kellha twaqqaf l-operat tagħha ħabta u sabta, u dan minkejja li s-soċjetà konvenuta kellha kuntratti ma' terzi x'tonora. Dan kollu wassal mhux biss għal telf ta' dħul u danni serji għas-soċjetà konvenuta, iżda wkoll wassal għal ħsara u dannu lir-reputazzjoni tagħha. Is-soċjetà konvenuta allegat li l-ajruplan ikkonsenjat ma kienx jikkonforma mal-*conditions of delivery* pattwiti bejn il-partijiet, tant li tul is-smigħ tal-provi rriżulta li nqalgħu diffikultajiet minħabba li d-*dirty fingerprints* jew aħjar id-dokumenti uffiċjali li kellhom jakkumpanjaw l-ajruplan b'dettalji dwar it-tiswijiet u manutenzjonijiet tekniċi li saru fuqu tul iż-żmien, instab li ma kinux tal-ajruplan mikri lis-soċjetà konvenuta, iżda ta' xi ajruplan ieħor. Dan kollu nissel dubji dwar kemm is-soċjetà attriċi verament kienet għamlet il-manutenzjoni neċessarja fuq l-ajruplan qabel ikkonsenjatu lis-soċjetà konvenuta fil-ġranet qabel din bdiet bl-operat tagħha. Is-soċjetà konvenuta allegat li fuq medda ta' sitt xhur hi ħallset mal-miljun Euro lis-

soċjetà attriċi, u li minħabba d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom sabiex setgħet tkompli bl-operat tagħha, hi esperjenzat nuqqas ta' dħul li wassal biex ma setgħetx tonora obbligi kummerċjali li kellha, fosthom ma' Transport Malta. Inoltre, is-soċjetà konvenuta allegat li s-soċjetà attriċi ma mxietx in *buona fede* speċjalment meta ġurnata biss wara li bagħtet it-*termination letter,* intavolat mandat ta' deskrizzjoni u talbet li l-CAMO li kien ingaġġat mis-soċjetà konvenuta sabiex jieħu ħsieb l-aspett tekniku tal-operazzjonijiet tagħha, jiġi maħtur mill-Qorti bħala kunsinnatarju tad-dokumentazzjoni uffiċjali tal-ajruplan, u dan wara li l-CAMO inkwistjoni, l-inġinier Ryan Cremona ttermina l-kuntratt ta' servizz li kellu mas-soċjetà konvenuta ġurnata biss qabel l-intavolar tal-mandat da parti tas-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà konvenuta allegat li konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà attriċi, hi sofriet danni inġenti serji u irreparabbli li jammontaw għal telf ta' eluf ta' Euro, u kien għalhekk li qed titlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà attriċi naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet, inkluż l-obbligu li tiggarantixxi l-paċifiku pussess tal-ajruplan mikri minnha, l-obbligi marbuta mal-*conditions of delivery* tal-ajruplan ikkonnsenjat, u meta ħabta u sabta tterminat il-kuntratt ta' kera b'tali mod li din waqqfet ħesrem l-operat tas-soċjetà konvenuta. Permezz tat-talba rikonvenzjonanti tagħha, is-soċjetà konvenuta talbet lill-Qorti tiddikjara li l-attriċi naqset milli taġixxi *in buona fede*, filwaqt li talbet lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha u tikkundanna lis-soċjetà attriċi għall-ħlas tal-istess, oltre li tinħareġ ordni fil-konfront tal-attriċi għall-ħlas lura tas-*security deposit* imħallas mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi fl-ammont ta' mitejn u erbgħin elf Dollaru Amerikan ($240,000).

Is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata min-naħa tagħha eċċepiet li mhux minnu li f'xi waqt hi aġixxiet *in mala fede*, u qalet li din hi allegazzjoni li trid tiġi ppruvata min-naħa tas-soċjetà konvenuta. Qalet ukoll li hi m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-*grounding* tal-ajruplan, li mhuma dovuti l-ebda danni, li m'hemm ebda ksur tal-kuntratt, kif ukoll li kienet is-soċjetà konvenuta li għażlet li twaqqaf l-operat tagħha.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur ippreżentat minnha, is-soċjetà attriċi esebiet kopja tal-*Aircraft Lease Agreement*[1], iffirmat bejn il-partijiet fis-26 ta' Marzu, 2014, liema ftehim jirregola l-aspetti kollha tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, u li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi kriet l-ajruplan tal-għamla Boeing 737 4K5HGW lis-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà attriċi esebiet ukoll kopja tan-*Notice of Default* bid-data tat-13 ta' Jannar, 2015, li permezz tagħha, is-soċjetà attriċi infurmat lis-soċjetà konvenuta li kien hemm ksur ta' wħud mill-obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet, partikolarment minħabba morożità fil-ħlasijiet dovuti bi ksur tal-klawsoli 23.1(i) u 23.1(xi) tal-kirja, minħabba allegazzjoni ta' tibdil fil-kundizzjoni finanzjarja tal-konvenuta, li wassal biex din ma setgħetx tonora obbligi kuntrattwali li kellha. Inoltre sar riferiment għal rapporti fil-*media*

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.

Maltija u Taljana dwar l-operat tas-soċjetà konvenuta fil-qasam tal-avjazzjoni[2], fejn minħabba li kellhom jiġu kkanċellati xi titjiriet, is-soċjetà konvenuta, li kienet għadha kemm bdiet topera fil-qasam tal-avjazzjoni, bdiet tattira ħafna rappurtaġġi negattivi. Is-soċjetà attriċi għamlet riferiment għall-klawsola 11.4.11 tal-kuntratt li tispeċifika li:

> *"Lessee will not do or permit to be done anything which may reasonably be expected to expose the Aircraft, any Engine or any Part to penalty, forfeiture, impounding, detention, appropriation, arrest, damage or destruction, and (without prejudice to the foregoing), if any such penalty, forfeiture, impounding, detention or appropriation, arrest, damage or destruction occurs, give Lessor notice thereof and take such action as may be necessary to procure the immediate release of the Aircraft, any Engine or Part, as the case may be."*

F'dan il-kuntest, is-soċjetà attriċi rreferiet għall-mandat ta' sekwestru[3] maħruġ fil-konfront tas-soċjetà konvenuta minn Transport Malta (TM), li permezz tiegħu TM talbet il-ħlas ta' €56,420.92 dovuti lilha bħala ħlasijiet għar-reġistrazzjoni tal-istess ajruplan. Inoltre, sar riferiment ukoll għall-klawsola 11.6 tal-istess ftehim ta' kiri li tgħid illi:

> *"The 'Lessee shall at its own expense: (i) procure that the Aircraft is duly registered with the Aviation Authority in the State of Registration in the name of Lessor as owner, subject to a Mortgage in favour of the Bank, and maintain, or procure the maintenance of, such registration throughout the Lease Term and shall on the Delivery Date deliver to Lessor a certified copy of the certificate of registration granted by the Aviation Authority."*

Is-soċjetà attriċi għarrfet lis-soċjetà konvenuta li n-nuqqas ta' ħlasijiet tat-tariffi imposti minn Transport Malta jammonta għal ksur ċar ta' dan il-ftehim.

---

[2] L-attriċi esebiet kopja ta' rapport li deher f'ġurnal lokali bl-isem '*Dozens stranded by new Maltese airline'*, liema rapport jinsab esebit *a fol. 51* tal-proċess. Rapport f'ġurnal Taljan bl-isem '*Calvario dei passeggeri 'Flyhermes''* jinsab esebit *a fol*. 53 tal-proċess. F'*fol.* 57 tal-proċess, l-attriċi esebiet kopja ta' rapport ieħor bl-isem '*La Fly Hermes si rivela inaffidabile, cancella volo Palermo – Torino'*.
[3] Kopja *a fol.* 47 tal-proċess.

Is-soċjetà attriċi esebiet ukoll kopji ta' ittri mibgħuta mis-soċjetà assiguratriċi tas-soċjetà konvenuta, li permezz tagħhom is-soċjetà konvenuta ġiet infurmata li l-poloz tal-assigurazzjoni li kellha ġew ikkanċellati minħabba li hija ma kinitx ħallset il-*premia* tal-assigurazzjoni.[4]

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat kopja ta' ittra mibgħuta lis-soċjetà attriċi fit-30 ta' Diċembru, 2014[5], fejn ġew elenkati għadd ta' nuqqasijiet da parti tas-soċjetà attriċi fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali li kellha mas-soċjetà konvenuta. Fost l-oħrajn intqal illi:

> *"Aerotron's failure to deliver an aircraft meeting the delivery conditions has produced material damages to Hermes in terms of (i) grounding of the aircraft, (ii) cost of the AD2012-18-13, (iii) cost of an ACMI to carry on its operations (it is worth mentioning that Aerotron did not offer Hermes a replacement aircraft to limit the lessor's damages while the leased aircraft was grounded), and (iv) fix costs. Such damages can be provisionally estimated in USD 664,506.66 not including consequential damages."*

Is-soċjetà konvenuta esebiet ukoll kopja ta' abbozz ta' ftehim bid-data tal-24 ta' Diċembru, 2014[6], liema ftehim kellu jirregola l-ħlasijiet li s-soċjetà konvenuta kellha tagħmel versu s-soċjetà attriċi, u li kienu jammontaw għal $234,588.77. Is-soċjetà attriċi qablet li tagħti kreditu lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' $33,548.39 bħala sinjal ta' rieda tajba. Dan il-ftehim però ma ġiex aċċettat mis-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà konvenuta esebiet kopja ta' ittra mibgħuta lilha mill-inġinier Ryan Cremona f'isem is-soċjetà 3Plex Aero, bid-data tat-13 ta' Jannar, 2015[7], li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta ġiet infurmata li l-inġinier Cremona kien

[4] Kopji tal-ittri *a fol.* 58 u 59 tal-proċess.
[5] *A fol.* 113 tal-proċess.
[6] *A fol.* 116 tal-proċess.
[7] *A fol.* 118 tal-proċess.

qiegħed jittermina l-kuntratt ta' servizz li hu kellu magħha, u dan in vista tal-fatt li hu kien ilu ma jitħallas għal xi xhur mis-soċjetà konvenuta għas-servizzi pprovduti minnu.

Is-soċjetà konvenuta esebiet ukoll il-kopja tal-ittra tagħha tat-2 ta' Jannar, 2015[8], li permezz tagħha hija għamlet riferiment għan-*Notice of Termination* tal-*Lease Agreement* mibgħut lilha mis-soċjetà attriċi, bid-data tal-14 ta' Jannar, 2015, u fejn infurmat lis-soċjetà attriċi li hi kienet qiegħda tikkontesta anki n-*Notice of Default* tat-13 ta' Jannar, 2015, u li kienet qiegħda topponi għat-terminazzjoni ta' dan il-kuntratt li l-partijiet kellhom bejniethom, in vista tal-fatt li din it-terminazzjoni hija kontra l-liġi u tikser l-obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet.

Is-soċjetà konvenuta esebiet kopja ta' ittra uffiċjali[9] li hi ppreżentat kontra s-soċjetà attriċi fit-30 ta' Jannar, 2015 fejn interpellat lis-soċjetà attriċi għall-ħlas tas-somma ta' aktar minn miljun Euro rappreżentanti danni kkaġunati mis-soċjetà attriċi minħabba l-*mala fede* tagħha u l-ksur tal-*Lease Agreement* u l-liġijiet applikabbli fir-rigward.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2015, il-Qorti xehed **Mark Westley**[10], *managing director* tas-soċjetà attriċi, li qal li hu wieħed mis-sidien tal-istess kumpannija, li kienet ġiet imwaqqfa minn missieru fl-1973. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi hi involuta fin-negozju tax-xiri u l-bejgħ ta' *parts* tal-inġenji tal-ajru, *parts* minn ajruplani u fil-kiri ta' magni u ta' inġenji tal-ajru. Ix-xhud qal li rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta kienu avviċinaw lis-soċjetà attriċi minħabba li kienu

[8] *A fol.* 119 tal-proċess. Id-data ta' din l-ittra x'aktarx li mhix korretta peress li l-kontenut tal-ittra jirreferi għal avvenimenti li seħħew wara dik id-data.
[9] *A fol.* 120 tal-proċess.
[10] *A fol.* 138 tal-proċess.

interessati fil-kiri ta' ajruplan sabiex jibdew joperaw titjiriet minn Malta, u li hu kien fi ħsiebu jikrilhom ajruplan li kien xtara mingħand il-kumpannija Olandiża Aircap, liema ajruplan kellu bżonn manutenzjoni qawwija qabel ma jiġi ċċertifikat li jista' jtir. Hu qal li s-soċjetà attriċi ffirmat ftehim mas-soċjetà konvenuta għall-kiri ta' dan l-ajruplan fit-23 ta' Marzu, 2014, u l-kunsinna tal-ajruplan saret fis-26 ta' Mejju tal-istess sena, wara li hija kienet lestiet il-manutenzjoni fuqu. Ix-xhud spjega li l-kunsinna saret billi s-soċjetà konvenuta bagħtet rappreżentant tagħha, ċertu Valerio [Santarelli], li ħa madwar erba' ġimgħat jiċċekkja r-*records* tal-ajruplan, jiċċekkja l-kundizzjoni tal-ajruplan, kif ukoll sabiex jassigura li kien hemm konformità mal-kundizzjonijiet kollha maqbula bejn il-partijiet skont il-*Lease Agreement* iffirmat. Ix-xhud esebixxa kopja tat-*Technical Acceptance Certificate*[11], li permezz tiegħu r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta aċċetta l-ajruplan fil-kundizzjoni li kien qiegħed jiġi kkonsenjat lilu, minn liema punt 'il quddiem ir-responsabbilità sħiħa tal-ajruplan għaddiet f'idejn is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kellha l-obbligu li tinkariga kumpannija tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru sabiex tkun tista' tagħmel xogħol ta' manutenzjoni kontinwu fuq l-ajruplan, u dan sabiex jiġi assigurat li dan l-ajruplan ikun jista' jibqa' jitħaddem. Ix-xhud qal ukoll li in vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta kellha l-ewwel titjiriet skedati li jibdew fl-1 ta' Ġunju, 2014, ma kienx ser ikun hemm żmien biżżejjed biex din tħallas it-tariffi tal-*fuel*, u għalhekk aċċetta li jħallas dawn it-tariffi hu għas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li fl-ewwel titjira li permezz tagħha l-ajruplan inġieb Malta, il-pajjiż li kellu jservi ta' bażi minn fejn kellha topera s-soċjetà konvenuta, kienu nqalgħu xi problemi żgħar, li hu aċċetta li jħallas tagħhom sabiex jiġu rimedjati. Ix-xogħol ta' manutenzjoni

[11] *A fol.* 140 tal-proċess.

rikjest sar minn Lufthansa Technik f'Malta, u dan minkejja li s-soċjetà konvenuta naqset milli tiffirma ftehim għall-manutenzjoni kontinwa tal-ajruplan mal-istess soċjetà qabel l-ajruplan inġieb f'Malta, u konsegwenza ta' dan is-soċjetà konvenuta ma kinitx f'pożizzjoni li tinnegozja l-ħlas mitlub mingħandha għall-manutenzjoni tal-istess ajruplan. Ix-xhud kompla li fl-ewwel ftit ġimgħat wara li bdiet ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, ma kienx jidher li kien hemm problemi, il-ħlasijiet kienu qegħdin isiru, għalkemm allega li s-soċjetà konvenuta kienet tagħmel il-ħlasijiet tagħha f'data aktar tard minn dik pattwita bejn il-partijiet. Madanakollu għall-ħabta ta' Awwissu, hu kien ġie infurmat mis-soċjetà konvenuta li l-ajruplan mikri minnha kien qiegħed ikollu problemi fil-magni, u qal li kienet saret laqgħa bejn il-partijiet fejn hu kien spjega li l-ajruplan inkwistjoni kellu bżonn manutenzjoni fuq bażi kontinwa skont proċeduri stabbiliti mill-manifattur tal-ajruplan.

Ix-xhud qal li l-problema ta' morożità fil-ħlasijiet dovuti bdiet tintensifika f'Ottubru, tant li l-partijiet kellhom laqgħa bejniethom u tfassal pjan ta' kif is-soċjetà konvenuta setgħet twettaq l-obbligi finanzjarji kollha li kellha fil-konfront tas-soċjetà attriċi, permezz ta' ftehim maqbul u ffirmat mill-partijiet. Ix-xhud qal li hu kien ippreokkupat ħafna minħabba li kien irċieva ittra mingħand is-soċjetà assiguratriċi Generali fejn ġie infurmat li s-soċjetà konvenuta naqset li tħallas l-*premium* tal-assigurazzjoni tal-ajruplan inkwistjoni, tant li l-polza tal-assigurazzjoni ġiet sospiża għal madwar jumejn. Ix-xhud qal li s-sitwazzjoni kompliet tiddeġenera tant li kien hemm *spare parts* fornuti minnu li bdew jinżammu minn terzi li kienu fornew servizzi lis-soċjetà konvenuta bħala garanzija għal diversi ħlasijiet li s-soċjetà konvenuta naqset li tagħmel. Barra minn hekk kien hemm diversi rapporti fil-*media* li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tħassar titjiriet, u l-agħar ħaġa kienet li hu ġie a

konjizzjoni tal-fatt li dan l-ajruplan ittajjar meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni. Ix-xhud esebixxa sensiela ta' dokumenti u rapporti li dehru fil-mezzi tax-xandir bħala prova f'dan ir-rigward.[12] Ix-xhud qal li hu kien irċieva informazzjoni minn EuroControl li s-soċjetà konvenuta kienet naqset li tħallas it-tariffi dovuti minnha sabiex tagħmel użu minn ċertu ajruporti fl-Ewropa, u kien anki ġie kkuntattjat minn kumpanniji li jfornu l-*fuel,* li nfurmawh li s-soċjetà konvenuta kienet moruża fil-ħlas ta' *fuel* mixtri mingħandhom. Ix-xhud qal li l-kredituri tas-soċjetà konvenuta bdew jagħmlu kuntatt miegħu bħala s-sid tal-ajruplan li kien qiegħed jiġi operat mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li hu kien irċieva informazzjoni mingħand Transport Malta li l-konvenuta kienet naqset li tħallas għaċ-ċertifikat maħruġ mill-awtorità regolatorja li jippermetti li jsiru titjiriet, u li suppost li s-soċjetà konvenuta kellha dan iċ-ċertifikat f'idejha qabel bdiet bit-titjiriet. Ix-xhud qal li fl-aħħar huwa ma kellux triq oħra ħlief li jiddeċiedi li jittermina l-kirja tas-soċjetà konvenuta kemm minħabba li hu ma setax jippermetti li din topera ajruplan mingħajr ma tħallas għall-assigurazzjoni tiegħu, kif ukoll minħabba li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda taqa' lura fil-ħlasijiet dovuti lis-soċjetà attriċi. Barra minn hekk, ix-xhud allega li s-soċjetà konvenuta stazzjonat l-ajruplan inkwistjoni ġewwa l-Atitech, li hi faċilità għall-manutenzjoni tal-ajruplani fl-Italja, u li l-Atitech bdew jippretendu l-ħlas għall-manutenzjoni u t-tiswijiet li għamlu mingħand is-soċjetà attriċi bħala sid tal-ajruplan.

Ix-xhud għamel riferiment għall-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta, u qal li l-problema ewlenija sa mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet kienet bil-*maintenance manager,* li mal-ewwel beda jallega li kien hemm problemi fil-

---

[12] *A fol.* 152 sa 157 tal-proċess.

magni tal-ajruplan, u li minkejja dan kien qiegħed jonqos li jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilu mill-manifatturi tal-ajruplan. Ix-xhud qal ukoll li l-istat attwali tal-manutenzjoni tal-ajruplan inkwistjoni kienet deskritta b'mod ċar fid-dokumentazzjoni li kienet takkumpanja lill-ajruplan, madwar sittin kaxxa ta' dokumentazzjoni b'kollox, bl-istorja tal-manutenzjoni tiegħu u speċifikazzjonijiet oħra. Ix-xhud esebixxa wkoll kopji ta' skambju ta' korrispondenza li kien hemm ma' Marcelo Marinelli[13] dwar il-manutenzjoni li kellha ssir fuq l-ajruplan inkwistjoni. Dwar l-involviment tal-inġinier Ryan Cremona bħala kunsinnatarju tad-dokumentazzjoni tal-ajruplan, ix-xhud qal:

> *"In the aircraft documents themselves, without those documents, without the history of the aircraft, the aircraft is worthless. It's part of the aircraft, it's like trying to lease an aircraft without an engine, it's impossible. So from our point of view I needed an organisation that would actually maintain this record and to keep them in the format that is required in order to be present before different authorities, whether it will be in Malta or any other country and the only organisation I only knew of in Malta was Ryan's organisation so that is why I entrusted the Court and the Court agreed to put the documents with Ryan himself in order to keep the documents safe."*

Mark Westley kompla jgħid li mingħajr din id-dokumentazzjoni tal-ajruplan, l-*asset* tiegħu, li hu xtara bil-prezz ta' $3.4 miljun, ma jkun jiswa xejn.

Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2015 xehed l-**inġinier Ryan Cremona**[14], li qal li hu inġinier fl-avjazzjoni, u li kien qiegħed jirrappreżenta lis-soċjetà 3Plex Aero, kumpannija rreġistrata f'Malta u liċenzjata minn Transport Malta fis-settur tal-avjazzjoni sabiex tipprovdi servizzi fl-immaniġġjar u l-manutenzjoni ta' ċertu tipi ta' ajruplani. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kienet ingaġġjat

[13] *A fol.* 159 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 179 tal-proċess.

lill-kumpannija rappreżentata minnu sabiex tagħti servizzi ta' appoġġ fir-rigward tal-ġestjoni tal-manutenzjoni tal-ajruplan li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda topera. Ix-xhud qal li f'punt minnhom fir-relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet, inqalgħet problema minħabba li kien hemm direttivi Ewropej dwar l-*airworthiness* li riedu jiġu osservati, u huwa kien informa lis-soċjetà konvenuta li kellha bżonn tieħu miżuri f'dan ir-rigward sabiex jiġi assigurat li l-operat tagħha jkun konformi mal-qafas regolatorju.

Fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2016 xehed il-**Kurunell Mark Said**[15], *inspecting officer* mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili, li kkonferma li r-regoli l-ġodda tal-EASA daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru, 2014, u li s-soċjetà konvenuta kienet konformi ma' dawn ir-regolamenti fil-15 ta' Diċembru, 2014. Hu kkonferma wkoll li fil-perijodu bejn il-15 ta' Diċembru 2014 u t-28 ta' Diċembru, 2014, is-soċjetà konvenuta ma setgħetx topera titjiriet minħabba li kienet għadha ma kisbitx din iċ-ċertifikazzjoni.

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2016, xehed **Paolo di Grandi**[16], direttur tas-soċjetà konvenuta Hermes Aviation Limited, li hu kien ilu jokkupa dik il-kariga minn Novembru, 2011. Ix-xhud qal li dak iż-żmien is-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tfittex li tikri ajruplan u kien għalhekk li kkuntrattat mas-soċjetà Aerotron Limited sabiex kriet il-Boeing 737 inkwistjoni. Ix-xhud qal li l-ftehim ta' kiri bejn il-partijiet kien jispeċifika li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' tmenin elf Dollaru Amerikan ($80,000) kull xahar għall-kiri tal-ajruplan inkwistjoni, flimkien ma' tariffa oħra ta' ħames mitt Dollaru ($500) għal kull siegħa ta' titjiriet li topera. Hu qal li l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li l-ajruplan ikkonsenjat kellu jkun diġà ġie ċċekkjat u

[15] *A fol.* 183 tal-proċess.
[16] *A fol.* 186 tal-proċess.

tkun saret fuqu manutenzjoni estensiva qabel jinkera lis-soċjetà konvenuta, u dan sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm perijodi li fihom l-ajruplan ma jkunx jista' jtir minħabba li jkun qiegħed jissewwa, u jkun jeħtieġ biss manutenzjoni perjodika li tkun tirrikjedi biss xogħol ta' ftit sigħat. Ix-xhud qal ukoll li l-ajruplan kellu jiġi *cleared* minn manutenzjoni estensiva għal perijodu ta' tnax-il xahar mis-soċjetà attriċi.[17] Ix-xhud qal ukoll li sabiex is-soċjetà konvenuta setgħet tibda topera, kien hemm il-ħtieġa li tħallas l-ekwivalenti ta' tliet xhur kera bil-quddiem bħala depożitu, kif ukoll il-kera tal-ajruplan għall-ewwel xahar ta' titjiriet, għal total ta' tliet mija u għoxrin elf Dollaru Amerikan ($320,000). Ix-xhud qal ukoll li meta t-tekniku tas-soċjetà konvenuta mar Montpellier sabiex jispezzjona l-ajruplan, hu ma tħalliex jagħmel dan, minħabba li l-ajruplan inkwistjoni kien għadu mhuwiex proprjetà tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal ukoll li l-kunsinna tal-ajruplan lis-soċjetà konvenuta ttardjat b'madwar xahar, u mill-24 ta' April, 2014 dan ġie kkonsenjat lilha fis-26 ta' Mejju, 2014, proprju ftit ġranet biss qabel ma s-soċjetà konvenuta kellha tibda topera t-titjiriet li kienu skedati li jibdew fl-1 ta' Ġunju tal-2014. Ix-xhud qal li dak li normalment jiġri f'sitwazzjonijiet simili hu li l-ajruplan jittieħed fuq titjira sabiex jiġi ċċekkjat mill-kumpannija li tkun qiegħda tikrih sabiex tassigura li l-livell ta' manutenzjoni tiegħu hu sodisfaċenti għaliha. Ix-xhud qal li meta l-ajruplan inkwistjoni ttieħed fuq l-ewwel titjira, ġie nnutat li kien hemm problema b'bieba minnhom tal-ajruplan, xi ħaġa li taffettwa s-sigurtà tal-ajruplan. Kien għalhekk li qabel ma s-soċjetà konvenuta bdiet topera, l-ajruplan kellu jittieħed għand il-Lufthansa Technik sabiex jissewwa, u għalkemm is-soċjetà attriċi kienet qablet li tkopri l-ispejjeż marbuta ma' din il-manutenzjoni, din l-ispiża baqgħet ma tħallsitx minnha. Ix-xhud qal ukoll li din

[17] Fi kliem ix-xhud, *"In page 20 of the lease agreement it's expressed that the aircraft had to be Airworthiness Directive, AD cleared for twelve months or 1500 cycle...".*

it-tip ta' manutenzjoni hi meqjusa bħala manutenzjoni straordinarja[18] li kellha tiġi koperta mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà attriċi kienet qalet li l-ammont mitlub minnha għat-tiswija tal-ħsara fuq il-bieba, kien esaġerat u li meta beda għaddej iż-żmien, dawn baqgħu m'onorawx il-wegħda li kienu għamlu li l-ispejjeż marbuta mat-tiswija tal-bieba tal-ajruplan ikopruhom huma. Ix-xhud qal ukoll li f'dak il-perijodu s-soċjetà konvenuta bdiet taħdem ma' Mistral Air, kumpannija ewlenija fl-Italja, u li dawn tant ħadmu tajjeb flimkien, li l-Mistral Air estendiet il-kuntratt li kellha mas-soċjetà konvenuta sabiex tul ix-xhur tax-xitwa din tkompli tagħti l-assistenza tagħha lil Mistral Air, li hija sussidjarja tal-kumpannija li tieħu ħsieb il-posta fl-Italja. Ix-xhud qal ukoll li l-ħlasijiet li saru lis-soċjetà attriċi b'kollox kienu jammontaw għal madwar 1.2 miljun Dollaru Amerikan. Hu kompla jgħid kif l-ajruplan mikri kien jeħtieġ ċerta manutenzjoni li mhix waħda ta' rutina, u li dan kien ifisser spejjeż żejda għas-soċjetà konvenuta fi stadju meta kienet għadha ma bdietx bl-operat tagħha. Fost dawn kien hemm il-bdil tar-roti u xogħol fuq il-brejkijiet tal-ajruplan, li kollha fissru spejjeż żejda għas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li d-dokumentazzjoni li takkumpanja lill-ajruplan kienet waslet għand is-soċjetà konvenuta madwar ġimagħtejn wara li ġie kkonsenjat l-ajruplan, u li din id-dokumentazzjoni kienet tispeċifika li l-manutenzjoni fuq l-ajruplan kienet saret u kienet kompatibbli mad-Direttivi tal-Ajru (l-ADs).

Ix-xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu fl-udjenza tal-21 ta' April, 2016[19], fejn għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minnu preċedentement, u qal li l-obbligu tas-soċjetà attriċi kien li tassigura li l-ajruplan jiġi kkonsenjat f'kundizzjoni tajba.[20] Dwar il-kuntratt li s-soċjetà konvenuta kellha ma' Mistral

[18] Fi kliem ix-xhud, *"... it's not a light maintenance".*
[19] *A fol.* 213 tal-proċess.
[20] Kopja tal-*Aircraft Lease Agreement* tas-26 ta' Marzu, 2014 esebit *a fol.* 221 tal-proċess.

Air, ix-xhud qal li l-arranġament kien ta' *wet leasing* tal-ajruplan bil-membri tal-ekwipaġġ, u esebixxa wkoll kopja tal-ftehim li s-soċjetà konvenuta kellha ma' Mistral Air.[21]

Ix-xhud għamel riferiment ukoll għall-fatt li meta l-ajruplan kien ikkonsenjat lis-soċjetà konvenuta, dan kien akkumpanjat minn ċertifikat li jistipula li l-manutenzjoni fuq l-ajruplan kienet saret u li dan kien f'kundizzjoni tajba.[22] Madanakollu, hu qal ukoll li matul is-sajf, waqt li l-ajruplan kien qiegħed jiġi operat, kien ġie nnutat li parti mid-dokumentazzjoni li suppost kienet takkumpanja lill-ajruplan mill-mument tal-kunsinna tiegħu, ma kinitx kompluta, u li dan il-fatt kien inġieb a konjizzjoni tas-soċjetà attriċi mill-inġinier Ryan Cremona tas-soċjetà 3Plex Aero, li kienet ġiet ikkuntrattata mis-soċjetà konvenuta biex taġixxi bħala CAMO. Ix-xhud kompla jispjega kif kienet inqalgħet il-problema li fil-kaxxi tad-dokumentazzjoni instabet dokumentazzjoni ta' ajruplan ieħor, u dan ġie stabbilit minħabba li s-*serial number* tal-ajruplan ma kienx jaqbel. Din is-sejba wasslet biex jitqanqlu dubji dwar jekk il-verifiki u l-manutenzjoni li kellhom isiru fuq l-ajruplan qabel dan ġie kkonsenjat lis-soċjetà konvenuta, kinux saru jew ossija kinux saru kif suppost.[23]

Paolo di Grandi kompla jixhed fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2016[24], fejn esebixxa kopja tal-*invoice* għall-ammont ta' €8,288 mibgħuta minn Lufthansa Technik lis-soċjetà konvenuta għax-xogħol li kellu jsir fuq il-bieba tal-ajruplan.[25] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-*Airworthiness Directive,* li tispeċifika li ajruplan

[21] *A fol.* 248 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 279 tal-proċess.
[23] Kopja tal-korrispondenza bejn l-inġinier Cremona u s-soċjetà attriċi dwar din il-kwistjoni ġiet esebita mix-xhud *a fol.* 280 *et seq.* tal-proċess.
[24] *A fol.* 313 tal-proċess.
[25] *A fol.* 325 tal-proċess.

ma jistax itir jekk ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva.[26] Huwa qal li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet assigurat lis-soċjetà konvenuta li l-ajruplan inkwistjoni kien konformi mad-Direttivi tal-Ajru, irriżulta li dan ma kienx il-każ, u ġew innutati xquq (*fatigue cracking*) li jistgħu jwasslu għal dekompressjoni fl-ajruplan. Ix-xhud qal li meta l-ajruplan iddaħħal fil-faċilitajiet ta' Lufthansa Technik, kemm is-soċjetà attriċi kif ukoll Lufthansa kienu tal-fehma li x-xogħol meħtieġ fuq l-ajruplan inkwistjoni kien minimu, iżda meta rriżulta li kien hemm xaqq fl-istruttura, fil-*pressure bulkhead* tal-ajruplan, kien hemm il-ħtieġa li l-ajruplan jinżamm fil-faċilitajiet tal-Lufthansa Technik għal żmien itwal. Sakemm saru dawn it-tiswijiet, is-soċjetà konvenuta kellha tikri bi spejjeż għaliha ajruplan ieħor sabiex setgħet topera t-titjiriet li kellha skedati, u dan għal perijodu ta' għaxart ijiem. Ix-xhud kompla jispeċifika kif il-ħlas għall-kiri tal-ajruplan il-ġdid sakemm l-ajruplan mikri mingħand is-soċjetà attriċi kien *grounded,* kellu jsir mis-soċjetà konvenuta. Hu qal li f'dan iż-żmien, is-soċjetà konvenuta ntalbet ħlas mingħand is-soċjetà attriċi fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u tletin elf Dollaru Amerikan ($234,000), liema ħlas is-soċjetà konvenuta rrifjutat li tagħmel minħabba li l-ajruplan f'dak iż-żmien kien *grounded*. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi rrikonoxxiet li s-soċjetà konvenuta kienet sofriet danni, u kien għalhekk li s-soċjetà attriċi pproponiet kreditu ta' tlieta u tletin elf Dollaru ($33,000) favur is-soċjetà konvenuta u dan għaż-żmien kollu li fih l-ajruplan ma kienx qiegħed jopera. Hu qal li l-problema ewlenija fl-ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi hi li l-$234,000 jinkludu l-kirjiet tal-ajruplan għax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru sal-25 ta' Jannar, 2015, meta f'dan iż-żmien kollu l-ajruplan għamel xahrejn *grounded*. F'dan il-perijodu, spjega x-xhud, is-soċjetà konvenuta kellha tikri ajruplani mingħand

[26] *A fol.* 326 tal-proċess.

żewġ kumpanniji differenti. Hu spjega wkoll kif f'dak iż-żmien, is-soċjetà attriċi għamlet kuntatt mas-soċjetà assiguratriċi tas-soċjetà konvenuta, u meta saret taf li kien hemm żmien li fih is-soċjetà konvenuta ma kinitx qiegħda tħallas l-assigurazzjoni fuq l-ajruplan inkwistjoni, din infurmat lil Transport Malta b'dan. Kien f'dak iż-żmien li s-soċjetà assiguratriċi Generali ħarġet avviż lis-soċjetà konvenuta sabiex din tħallas dak dovut minnha fi żmien xahar, liema avviż ġie notifikat ukoll lil Transport Malta. Ix-xhud qal li f'dak iż-żmien l-ajruplan xorta waħda kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni, u li s-soċjetà assiguratriċi kellha toħroġ avviż b'terminu ta' tletin ġurnata sabiex is-soċjetà konvenuta tħallas il-*premia* dovuti minnha, u fin-nuqqas ikun ikkunsidrat li l-kopertura tal-assigurazzjoni kienet twaqqfet.[27] Ix-xhud qal li l-konklużjoni tiegħu kienet li s-soċjetà attriċi kienet bdiet 'gwerra' mas-soċjetà konvenuta, partikolarment wara inċident bejn il-partijiet fejn kien hemm xi *spare parts* maħżuna f'bażi f'Bergamo, li s-soċjetà attriċi ħadet mingħajr ma infurmat lis-soċjetà konvenuta b'dan, bil-konsegwenza li meta s-soċjetà konvenuta ħtiġilha tagħmel xi tiswijiet ta' malajr, din kellha tuża bażi fil-Ġermanja, li fisser aktar telf ta' ħin. Dan l-inċident fisser ukoll il-kanċellament ta' għadd ta' titjiriet. Ix-xhud qal li t-$33,000 kreditu offrut mis-soċjetà attriċi hu ammont li jirrifletti l-kera dovuta għall-kirja tal-ajruplan fuq perijodu ta' disat ijiem, iżda l-verità hi li l-ajruplan kien wieqaf għal tul ta' żmien ferm itwal minn hekk, madwar xahrejn b'kollox. Paolo di Grandi qal ukoll li meta s-soċjetà attriċi riedet id-dokumentazzjoni kollha bl-istorja tal-manutenzjoni tal-ajruplan, u

[27] Dan kollu ġie spjegat f'parir dokumentat, esebit mis-soċjetà konvenuta *a fol.* 408 tal-proċess, fejn Gaspare lo Presti, għan-nom ta' *Media Broker* intalab jagħti parir dwar l-assigurazzjonijeit li jirregolaw l-inġenji tal-ajru, partikolarment minħabba fis-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha s-soċjetà konvenuta. Huwa qal: "*In fact, as always, the insurance covers foresee that on failing to pay the premium on the due date of the installment, the Insurers issues a NOC (Notice of Cancellation) on which an ulterior final 30 day extension is given in order to settle the payment; failing which the policy is definitely cancelled. ... It's obvious that for the policy a NOC was issued on December 28, 2014 therefore the risk was, in any case, covered till January 27, 2015. The subsequent payment of the premium on January 2, 2015 extended the insurance covers till February 28, 2015 date of the final expiry of the policy, thus these covers did not undergo to any insurance interruption.*"

talbet li dawn jinżammu mill-kunsinnatarju Ryan Cremona, hi riedet li tirriprendi l-pussess tal-ajruplan, għax mingħajr dik id-dokumentazzjoni l-ajruplan ma jkunx jista' jsir. Hu spjega li ġurnata qabel ma saret l-elevazzjoni tad-dokumentazzjoni mis-soċjetà attriċi, hu kien irċieva ittra fejn is-soċjetà konvenuta ġiet infurmata bit-terminazzjoni tal-kuntratt. Hu qal li minħabba f'hekk l-ajruplan ma setax itir.[28] Ix-xhud qal ukoll li sal-ġurnata li fiha l-inġinier Cremona nħatar bħala kunsinnatarju, dan tal-aħħar qatt ma kien issenjala li ma kienx kuntent bir-relazzjoni li hu kellu mas-soċjetà konvenuta, u qatt ma wera l-ħsieb li jtemm il-kuntratt li l-partijiet kellhom bejniethom. Madanakollu, Cremona issenjala li kien qiegħed jittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellu mas-soċjetà konvenuta, permezz ta' ittra bid-data tat-13 ta' Jannar, 2015.[29]

Ix-xhieda ta' Paolo di Grandi kompliet fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2016[30], fejn ix-xhud ippreżenta dokumenti dwar id-danni allegatament sofferti mis-soċjetà konvenuta wara li s-soċjetà attriċi elevat id-dokumentazzjoni li s-soċjetà konvenuta kellha fil-pussess tagħha fir-rigward tal-ajruplan inkwistjoni, u dan minħabba li wara li ġew elevati dawn id-dokumenti, is-soċjetà konvenuta kellha tissospendi l-operat tagħha. It-telf soffert mis-soċjetà konvenuta f'dan il-perijodu kien jammonta għal sitt mija u wieħed u sittin elf, mitejn u wieħed u tletin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€661,231.45).[31] Ix-xhud irrefera wkoll għal *Payment Agreement* bejn il-partijiet bid-data tal-24 ta' Diċembru, 2014, fejn is-soċjetà attriċi aċċettat li hi kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u tletin elf,

---

[28] *"The day before the documents were seized by Aerotron I received the notice of contract termination. Because of this we could not fly the aircraft and we had to stop our operation because the documents were not any more in our office and it was not safe to fly without them."*
[29] *A fol.* 340 tal-proċess.
[30] *A fol.* 342 tal-proċess.
[31] Dokument li jinsab esebit *a fol.* 346 tal-proċess.

ħames mija u tmienja u tmenin Dollaru Amerikan u sebgħa u sebgħin ċenteżmu ($234,588.77). Hu kompla jgħid iżda li dan l-ammont kien jinkludi kirjiet tal-ajruplan għax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru tal-2014 u Jannar tal-2015, meta fil-15 ta' Jannar, 2015 kienu ġew elevati d-dokumenti kollha tal-ajruplan u għalhekk l-ajruplan ma setax itir. Minkejja dan is-soċjetà attriċi qiegħda tipprentedi ħlas għall-kirjiet tal-ajruplan sal-perijodu tal-25 ta' Jannar, 2015. F'dan il-perijodu l-ajruplan inkwistjoni ma setax jittajjar għal perijodu ta' xahrejn. Hu kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta ma kinitx ser taċċetta tnaqqis ta' $33,000 biss mit-total pretiż mis-soċjetà attriċi, u dan minħabba li xahar kera tal-ajruplan kien jiswa $80,000.[32] Barra minn hekk, is-soċjetà attriċi kellha fil-pussess tagħha is-somma ta' $240,000 li s-soċjetà konvenuta kienet ħallset bħala depożitu qabel bdiet l-operat tagħha. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà konvenuta kienet ħallset għall-assigurazzjoni tal-ajruplan, minkejja li dan kien għamel xi żmien ma jistax jittajjar. Ix-xhud qal li kien hemm danni oħra sofferti mis-soċjetà konvenuta minħabba li din laħqet biegħet għadd ta' biljetti fuq l-ajruplan mikri minnha, li kienu jammontaw għal €35,661.31, u li kellhom jiġu rifużi lura lill-passiġġieri.[33] Ix-xhud qal li minkejja li fil-perijodu li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda topera l-ajruplan li kriet mingħand is-soċjetà attriċi, kien hemm żmien li fih hi kellha tikri ajruplani mingħand kumpanniji oħra, wara dan kollu hi ma reġgħetx kriet ajruplani oħrajn u kienet waqqfet l-operat tagħha. Ix-xhud qal li d-danni totali li s-soċjetà konvenuta sofriet minħabba l-azzjonijiet tas-soċjetà attriċi jammontaw għal €661,231.14.[34]

---

[32] Kif tindika l-*invoice a fol.* 353 tal-proċess.
[33] Dokumenti *a fol.* 387 *et seq.* tal-proċess.
[34] Kif jindika d-dokument *a fol.* 346 tal-proċess.

Is-soċjetà konvenuta esebiet ukoll l-*affidavit* ta' **Vincenzo di Grandi**[35], fejn dan ikkonferma dak kollu li xehed Paolo di Grandi quddiem il-Qorti. Hu kkonferma li l-kuntratt li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta bdiet tikri l-ajruplan inkwistjoni daħal fis-seħħ fis-26 ta' Marzu, 2014, u li l-kuntratt kien jistabbilixxi ħlas ta' kera ta' $80,000 kull xahar, flimkien ma' miżata ta' $500 għal kull siegħa ta' titjiriet. Il-garanzija ta' ħlasijiet futuri ngħatat fil-forma tal-ħlas ta' tliet xhur kera bil-quddiem ammontanti għal $240,000, flimkien ma' $80,000 kera bil-quddiem, għal total ta' $320,000. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li l-ajruplan kellu jiġi kkonsenjat wara li tkun saret fuqu manutenzjoni estensiva, u li fis-6 ta' Ġunju, 2014 is-soċjetà konvenuta bdiet topera titjiriet wara kuntratt iffirmat ma' Mistral Air, li tifforma parti mill-Poste Italiane. Ix-xhud qal li l-affarijiet kienu sejrin tajjeb tant li s-soċjetà konvenuta ngħatat rikonoxximent għall-fatt li kienet l-iktar kumpannija effiċjenti fil-kampanja tas-Sajf tal-2014, b'98% tat-titjiriet li kienu puntwali. Ix-xhud ikkonferma li l-ewwel problemi tekniċi fl-ajruplan bdew jimmanifestaw ruħhom waqt l-ewwel titjira li għamel dan l-ajruplan, meta kien hemm problemi b'bieba minnhom tal-ajruplan. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi kienet aċċettat li d-direttiva dwar l-inġenji tal-ajru (AD) ma kinitx ġiet esegwita fir-rigward tal-ajruplan inkwistjoni. Ix-xhud ikkonstata li kien hemm perijodi pjuttost twal li fihom l-ajruplan inkwistjoni ma setax jintuża u dan minħabba manutenzjonijiet li kienu meħtieġa fuqu. Ix-xhud qal li kien hemm problemi anki bl-attitudni murija lejn id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta minn esponenti tas-soċjetà attriċi:

> "*Mi preme sottolineare l'attegiamento non costruttivo fatto dall'Aerotron nei nostri confronti in quanto io personalmente ho provato di mediare con il*

[35] *A fol.* 416 tal-proċess.

> *proprietario dell'Aerotron Marc Westley per provare a trovare una soluzione per riparare quello che è successo. Marc Westley è stato categorico, anzi ci ha intimato che in caso che non avessimo sottoscritto l'accordo che aveva preparato lui con quale ha rinonosciuto la mancanza dell'AD non fatta e che offriva solo una cifra irrisoria ci avrebbe causato problemi."*

Ix-xhud qal li dan kien il-bidu ta' kampanja mibdija mis-soċjetà attriċi kontra s-soċjetà konvenuta bil-ħsieb li tikkawżalha danni u konsegwentement iġġibha fl-impossibilità li tkompli bl-operat tagħha. Hu qal li dan kien evidenti aktar meta saret l-elevazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha tal-ajruplan, li mingħajrha ma setgħet issirlu l-ebda manutenzjoni jew xogħol tekniku ieħor, u għalhekk mingħajrha l-ajruplan lanqas ma kien ser jitħalla jtir. Dan kollu seħħ fl-istess żmien li bejn il-partijiet kien hemm il-possibilità li ssir tranżazzjoni amikevoli. Ix-xhud qal ukoll li sa ġurnata qabel ma s-soċjetà attriċi ħatret lill-inġinier Ryan Cremona bħala kunsinnatarju tad-dokumentazzjoni, dan kien qiegħed jippresta servizzi tekniċi lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud allega li din mhix l-ewwel darba li s-soċjetà attriċi għamlet manuvri ta' din ix-xorta sabiex tiskredita kumpanniji li joffru servizzi ta' linji tal-ajru, u rrefera għall-kawża li s-soċjetà attriċi għandha fil-konfront tal-kumpannija Valor Fly (PA 1182/2015).

Fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2017 sar il-kontroeżami ta' Mark Westley[36], li kkonferma li d-dokumentazzjoni tal-ajruplan li ġiet elevata għadha fil-pussess tal-kunsinnatarju, l-inġinier Ryan Cremona. Ix-xhud ikkonferma li wara li ġew elevati dawn id-dokumenti, l-ajruplan inkwistjoni inkera lil terzi u dan bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Ix-xhud madanakollu ma kienx jaf jekk is-sittin kaxxa bid-dokumentazzjoni tal-ajruplan hemmx aċċess għaliha, inkluż minn terzi jew le, u dan minkejja li l-ajruplan inkwistjoni qiegħed itir u jiġi

[36] *A fol.* 422 tal-proċess.

operat. Ix-xhud qal li minn meta s-soċjetà attriċi reġgħet ħadet pussess tal-ajruplan, dan inkera lil VVBA Aviation Malta Limited, u dan kien għadu mikri lilha. Ix-xhud qal ukoll li din il-kumpannija m'għandhiex permess terġa' tikri dan l-ajruplan lil terzi, għalkemm tista' tagħmel *wet leasing.* Hu qal li VVBA Aviation Malta Limited għandha responsabbilità tinforma lil Transport Malta dwar jekk l-ajruplan inkwistjoni jistax itir jew le, u li din il-kumpannija kienet assumiet ukoll responsabbilità għall-manutenzjoni tal-ajruplan. Qal ukoll li VVBA Aviation m'għandha l-ebda obbligu titlob aċċess għad-dokumentazzjoni li ġiet elevata u li tinsab fil-pussess tal-inġinier Ryan Cremona, minħabba li din kienet daħlet fi ftehim mas-soċjetà 3Plex Aero rappreżentata mill-inġinier Cremona nnifsu bħala l-CAMO tagħha. Qal ukoll li dan l-arranġament għandu l-approvazzjoni ta' Transport Malta li ħarġet iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa biex l-ajruplan ikun jista' jtir. Ix-xhud qal li hu qatt ma ddiskuta ma' ħadd il-fatt li kien se jissuġġerixxi li l-inġinier Ryan Cremona jinħatar kunsinnatarju tad-dokumentazzjoni, lanqas ma' Cremona nnifsu. Qal biss li fl-opinjoni tiegħu l-inġinier Cremona kien l-uniku persuna f'Malta li seta' jagħmel din il-biċċa xogħol.[37] Mistoqsi jekk iħossx li l-inġinier Cremona seta' kellu kunflitt ta' interess meta aċċetta li jaġixxi bħala kunsinnatarju filwaqt li sa ftit qabel kien għadu jippresta servizzi lis-soċjetà konvenuta, ix-xhud qal biss li hu assuma li l-inġinier Cremona kien ser jaqdi l-inkarigu tiegħu b'indipendenza, kif mitlub mill-Qorti.

Ix-xhud qal li d-deċiżjoni li tiġi terminata r-relazzjoni kummerċjali li s-soċjetà attriċi kellha mas-soċjetà konvenuta ttieħdet għal skopijiet ta' limitazzjoni tad-danni, u li r-ripussess tal-ajruplan u x-xogħol li kien meħtieġ li jsir fuqu sewa

---

[37] Fi kliem ix-xhud, *"He's the only person I know in Malta who can facilitate that as a CAMO, so he is the perfect logical person in my opinion."*

lis-soċjetà attriċi aktar minn $800,000, u dan minħabba li s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligu tagħha li żżomm l-ajruplan mikri lilha fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà konvenuta qatt ma ġiet imwissija li d-dokumentazzjoni inkwistjoni kienet ser tittieħed mill-pussess tagħha, u li dan il-pass ittieħed minkejja li s-soċjetà konvenuta kienet kontinwament qiegħda tibgħat sinjali li hi xtaqet tkompli bl-operat tagħha. Ix-xhud qal li kien hemm diversi raġunijiet għalfejn is-soċjetà attriċi ddeċidiet li tittermina l-kuntratt li kellha mas-soċjetà konvenuta, fosthom il-fatt li kumpanniji tal-assigurazzjoni ma kinux tħallsu, il-fatt li kien hemm tariffi ta' Transport Malta li ma tħallsux, u l-fatt li kien hemm diversi obbligi kuntrattwali li ġew miksura. Meta x-xhud ġie mistoqsi dwar f'liema punt is-soċjetà konvenuta ġiet mgħarrfa li ma setgħetx tkompli topera meta l-istat finanzjarju tagħha kien kompromess, huwa kkonferma li l-ewwel darba li s-soċjetà attriċi qajmet din il-problema kien fin-*Notice of Default* mibgħut minnha fit-13 ta' Jannar, 2015, ġurnata qabel ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti il-mandat ta' deskrizzjoni. Ix-xhud qal li madanakollu s-soċjetà attriċi kienet ilha tibgħat messaġġi lis-soċjetà konvenuta li jekk din ma taqbilx mal-proposti dwar il-ħlas ta' dak li kien dovut lilha, is-soċjetà attriċi kienet ser tirriprendi l-pussess tal-ajruplan. F'dan il-punt ix-xhud għamel riferiment għad-dokument esebit *a fol.* 337 tal-proċess, u qal li dan jistipula b'mod ċar li jekk is-soċjetà konvenuta ma kinitx ser tħallas skont il-ftehim tal-kiri, is-soċjetà attriċi kienet ser tirriprendi il-pussess tal-ajruplan immedjatament wara li jingħata avviż tal-ksur kuntrattwali. Ix-xhud qal li meta nqalgħet il-kwistjoni dwar jekk l-*AD checks* kinux saru jew le, is-soċjetà attriċi kienet ippreżentat provi dokumentarji li jindikaw li dawn kienu saru, għalkemm meta ntalbet il-prova dokumentarja ta' dan, id-dokumentazzjoni pprovduta kienet

fir-rigward ta' ajruplan ieħor u mhux fir-rigward tal-ajruplan mertu ta' dawn il-proċeduri. Ix-xhud qal ukoll li f'dak il-punt it-tort kien biss tad-direttur tekniku tas-soċjetà konvenuta li kien aċċetta l-konsenja tal-ajruplan mingħajr ma ċċekkja d-dokumentazzjoni li kellu miegħu. Ix-xhud qal li d-direttur tekniku maħtur mis-soċjetà konvenuta ma kienx qiegħed jagħmel xogħlu tajjeb jekk naqas milli jassigura li d-*dirty fingerprints* kienu dawk korretti, u li kienu mal-ajruplan il-ħin kollu. Għall-mistoqsija jekk kienx hemm xi ħadd mis-soċjetà attriċi li seta' jinduna li kien hemm xi ħaġa ħażina fid-dokumentazzjoni ppreżentata, ix-xhud qal li hu ma kienx f'qagħda li jitkellem għal ħaddieħor. Ix-xhud allega wkoll li hekk kif is-soċjetà konvenuta ħadet pussess tal-ajruplan u tad-dokumentazzjoni relattiva, l-impjegati tagħha ħallew dawn id-dokumenti f'post mhux sigur għal madwar tliet ġimgħat.

Ix-xhud ġie mistoqsi dwar l-allegazzjoni tiegħu li s-soċjetà konvenuta taret mingħajr kopertura tal-assigurazzjoni, u huwa wieġeb li din l-allegazzjoni saret abbażi ta' ittra riċevuta minn Generali Assicurazioni li tinsab esebita *a fol.* 151 tal-proċess. Ix-xhud qal li l-polza ma kinitx ġiet itterminata peress li s-soċjetà konvenuta kienet ħallset il-*premium* fi żmien tletin ġurnata. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar *components* tal-ajruplan miżmuma fl-ajruport ta' Bergamo, u qal li s-soċjetà Alitalia kienet ser tieħu pussess ta' dawn il-*components* minħabba li s-soċjetà konvenuta kienet naqset li tħallas lill-Alitalia għall-manutenzjoni fis-somma ta' €50,000, iżda x-xhud qal li hu kien ipprova li dawk il-*component parts* kienu jappartjenu lis-soċjetà attriċi, u l-Alitalia kienet irrilaxxjathom mill-pussess tagħha.

Fl-udjenza tal-5 ta' April 2017 il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-inġinier Ryan Cremona[38], prodott in kontroeżami mis-soċjetà konvenuta, li ma setax jikkonferma l-ġurnata preċiża li fiha bdiet ir-relazzjoni kummerċjali tas-soċjetà 3Plex Aero mas-soċjetà konvenuta, għalkemm qal li kienet spiċċat żgur fit-13 ta' Jannar, 2015. Ix-xhud qal li r-relazzjoni damet madwar tliet xhur jew erbgħa. Ix-xhud ġie muri l-korrispondenza esebita *a fol.* 310 tal-proċess, u qal li hu intervjena sabiex tkun tista' ssir il-manutenzjoni meħtieġa fuq l-ajruplan mikri mis-soċjetà konvenuta. Hu qal li bħala kumpannija hu kien jaf li kienet ser tidħol fis-seħħ l-*Airworthiness Directive* u hu ħass li kellu obbligu jindika lis-soċjetà konvenuta li seta' kien hemm xi problemi potenzjali. Hu spjega x-xogħol tiegħu billi qal li hekk kif sar it-trasferiment tal-operatur, hu kien iċċekkja l-i*statements* li kien hemm u ra li kien hemm ċertu affarijiet li kienu *overdue.* Kien f'dak il-punt li x-xhud saħaq li jsir ċertu ttestjar u manutenzjoni sabiex kemm jista' jkun is-soċjetà konvenuta tkun konformi mad-Direttiva. Hu kompla jispjega:

> "Dak jekk hemm AD, an *AD Air Worthiness Directive* refers to working documents li normalment huwa *service bulletin* it's called, jiġifieri mill-AD tibagħtek għal dokument ieħor. Dan id-dokument kien jirreferi għal NDT, *non-destructive testing*, *procedure* li trid issir u tiġi complied with bażikament tmur bit-tools u tiċċekkja hemmx *cracks* fil-wiċċ fuq l-ajruplan. Bażikament staqsejt lin-nies tal-Hermes għax id-dokumenti kienu għandhom u għidtilhom, 'isma' tuni kollox li hemm related ma' din l-AD.' Fil-fatt kienu bagħtuli dokumenti related ma' din l-*AD reference* imma AD għandha ħafna paragrafi and each paragraph can be compiled with a different time scale. Li kien hemm fl-AD hija bażikament il-paragrafu li ma kinitx tikkonċerna lilna, paragraph O and P li kienet of a concern to myself. Parti minn dawn l-iscans kien xi *NDT report* li huwa rapport ta' dawn in-nies tekniċi li jmorru jagħmlu dawn l-*NDT inspections* li bażikament kien qed jirreferi għal ajruplan ieħor."

---

[38] *A fol.* 522 et seq tal-proċess.

Ix-xhud qal li hu induna li l-AD kien ser jiskadi fl-24 ta' Ottubru, 2014. F'dak l-istadju hu ppropona x'għandu jsir, għalkemm imbagħad sta għall-operatur biex jara jekk iridx jieħu s-suġġerimenti li jsirulu l-verifiki skont l-ADs jew le. Hu qal li jekk l-AD ma ssirx sal-iskadenza stabbilita, l-ajruplan ma jkunx jista' jtir. Ix-xhud qal li wara li saru l-proposti, kemm is-soċjetà attriċi u anki s-soċjetà konvenuta rreżistew li jagħmlu xi ħaġa drastika u dan minħabba li ħadd ma ried jipperikola l-operat tas-soċjetà konvenuta. Hu qal li finalment ix-xogħol meħtieġ sar, għalkemm wara ħafna delungar da parti taż-żewġ partijiet fil-kawża u li meta sar, l-ispejjeż għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà attriċi. Mill-ispezzjoni rriżulta li kien hemm xaqq fil-*bulkhead,* il-parti ta' wara tal-ajruplan fejn iżżomm il-*pressurisation* tal-ajruplan. Dan involva tiswijiet li ma kinux *standard* min-naħa tal-Lufthansa Technik, u l-ajruplan reġa' ġie rilaxxjat għat-titjir fit-23 ta' Diċembru, 2014. Ix-xhud kompla jgħid li hekk kif intbagħtet id-dokumentazzjoni rilevanti dwar ix-xogħol li sar fuq l-ajruplan, huma bħala kumpannija għamlu *quality check* fuq l-ajruplan u aġġornaw l-i*status* u d-dokumentazzjoni. Ix-xhud qal li sa dakinhar ir-relazzjoni kummerċjali li kellu kienet mas-soċjetà konvenuta, għalkemm kien hemm istanzi fejn kellu jaġixxi ta' intermedjarju bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li hu ttermina l-kuntratt li kellu mas-soċjetà konvenuta minħabba li din kienet moruża f'għadd ta' ħlasijiet dovuti lilu. Ix-xhud iżda la kkonferma u lanqas eskluda li qabel id-data li fiha ffirma t-*termination letter* fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, hu kellu xi diskussjonijiet mas-soċjetà attriċi. Hu kompla jgħid li hu kien ġie infurmat mill-avukati tas-soċjetà attriċi li kien hemm mandat ta' qbid tar-*records*, u li hu ġie maħtur bħala kunsinnatarju ta' din id-dokumentazzjoni.

Fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2017 xehed Paolo di Grandi[39] li b'riferiment għad-dokument li jinsab *a fol.* 485 tal-proċess li ġie esebit minn Mark Wesley, ikkonferma li l-*email* inkwistjoni kienet waslet għand is-soċjetà konvenuta fil-31 ta' Jannar, 2014 u li fit-2 ta' Jannar, 2015 is-soċjetà konvenuta kienet ħallset l-ammont mitlub minnha. Ix-xhud qal ukoll li in vista tal-klawsola ta' 30 ġurnata biex isir il-kanċellament, l-ajruplan seta' jkompli jtir. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' *email* datata t-2 ta' Jannar, 2015, mibgħuta minn Emanuele Olivetti, rappreżentant tas-soċjetà assiguratriċi, li kien infurmah li l-assigurazzjoni tal-ajruplan kienet reġgħet ġiet attivata.[40]

Il-kontroeżami tal-inġinier Ryan Cremona kompla fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017[41], fejn qal li kemm Mark Wesley kif ukoll Paolo di Grandi kienu kkonfermaw li l-AD kien sar. Ix-xhud qal li hekk kif inqabdu d-dokumenti rilevanti għall-manutenzjoni tal-ajruplan, madwar sittin kaxxa b'kollox, l-ajruplan ma setax ikompli jtir. Ix-xhud ġie mitlub jiċċara *statement* li kien għamel rigward il-fatt li l-ajruplan ġie *grounded* mhux biss minħabba l-*Airworthiness Directive*, iżda wkoll minħabba li fl-24 ta' Ottubru, 2014 kien hemm tibdil fir-regolamenti dwar il-liċenzjar tal-operatur, minħabba li kien hemm ċerti kriterji ta' Transport Malta li riedu jiġu sodisfatti. Ix-xhud qal li dawn il-kriterji kienu jinkludu emendi fil-manwali, it-tħaddim tal-manwali u verifiki oħra, li meta ntbagħtu lil Transport Malta ġie stabbilit li ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolatur. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta ġabet l-AOC l-ġdid fil-15 ta' Diċembru, 2014, u li sa dakinhar huma ma setgħux itiru mhux minħabba kwistjonijiet ta' *air worthiness,* iżda minħabba li f'dak il-punt l-liċenzjar tagħhom ma kienx validu.

[39] *A fol.* 547 tal-proċess.
[40] *A fol.* 548 tal-proċess.
[41] *A fol.* 552 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2017 kompla l-kontroeżami ta' Paolo Di Grandi[42], li meta mistoqsi dwar jekk l-għażla tas-soċjetà attriċi sabiex tikrilhom ajruplan kinitx ibbażata fuq ir-reputazzjoni tajba li s-soċjetà attriċi kellha fis-suq Ewropew, ix-xhud qal li qabel ikkontrattaw mas-soċjetà attriċi, il-konvenuti ma kienu jafu xejn dwar ir-reputazzjoni tas-soċjetà attriċi fis-suq. Mistoqsi jekk apparti l-kunsinna tal-ajruplan, kienx hemm servizzi oħra pprestati mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta, ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta ħallset lis-soċjetà attriċi prezz tajjeb għal kull servizz li ngħatat. Dwar id-data li fiha kellu jiġi kkonsenjat l-ajruplan, ix-xhud qal li l-ftehim kien li dan kellu jiġi kkonsenjat fil-21 ta' April, 2014, u li fil-verità l-kunsinna tiegħu kienet tardiva. Ix-xhud qal li minkejja li s-soċjeta konvenuta setgħet tirrexxindi l-kuntratt ta' kera ladarba l-kunsinna ma saritx fiż-żmien pattwit, hija m'għamlitx dan minħabba obbligi kummerċjali li kellha ma' terzi. Ix-xhud qal li kien obbligu tas-soċjetà attriċi li tassigura li d-dokumentazzjoni li għandha takkumpanja l-ajruplan, tintbagħat mal-ewwel titjira li fiha l-ajruplan inġieb Malta minn Franza. Hu kompla jgħid li minkejja dan id-dewmien fil-kunsinna tal-ajruplan, is-soċjetà konvenuta aċċettat l-ajruplan minħabba li kienet ingħatat garanzija li dan l-ajruplan kellu tnax-il xahar li fihom seta' jtir mingħajr il-ħtieġa ta' manutenzjoni estensiva fuqu. Dwar l-allegazzjoni li saret mis-soċjetà attriċi li hija kienet wissiet lis-soċjetà konvenuta diversi drabi li kellha ssegwi prattiċi xierqa tal-manutenzjoni fir-rigward tal-ajruplan inkwistjoni, ix-xhud qal li dawn ġew segwiti mill-Alitalia, u li l-CAMO f'Malta (3Plex Aero) kien sodisfatt bil-manutenzjoni li saret fuq l-ajruplan. Mistoqsi dwar il-fatt li s-soċjetà konvenuta kellha għarfien li fid-19 ta' Ottubru, 2014 kien ser jiskadi l-AD, u li minkejja dan hija kienet daħlet f'kuntratt ma' Mistral Air sabiex tkompli

[42] *A fol.* 564 tal-proċess.

tipprestalha s-servizzi, ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi dejjem tat l-assigurazzjonijiet tagħha li l-ajruplan seta' jtir u li dan kien konformi mar-regolamenti kollha applikabbli.

Il-kontroeżami ta' Paolo di Grandi kompla fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017[43], u lix-xhud sarlu riferiment għall-fatt li l-problema ewlenija bl-AD ma kinitx li l-manutenzjoni ma saritx, iżda li d-dokumentazzjoni rilevanti ma nstabitx, jew aħjar instabet dokumentazzjoni li kienet tirreferi għal ajruplan ieħor u mhux għal dak mertu ta' din il-kawża. Ix-xhud qal li hu kellu dubji dwar jekk il-manutenzjoni saritx, u dan minħabba li kumpanniji involuti fil-manutenzjoni tal-ajruplani huma obbligati jżommu d-dokumentazzjoni relattiva għal perijodu ta' ħames snin. Hu staqsa, jekk is-soċjetà attriċi kienet daqshekk konvinta li l-manutenzjoni saret kif suppost, x'kienet ir-raġuni li din ma talbitx id-dokumentazzjoni mill-kumpanija Franċiża li allegatament kienet hi li għamlet il-manutenzjoni qabel l-ajruplan ġie kkonsenjat lill-konvenuta? Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kienet ikkomunikat mas-soċjetà attriċi dwar il-problema li d-dokumentazzjoni li ntbagħtet mal-ajruplan ma kinitx dik korretta.

Il-kontroeżami tax-xhud Paolo di Grandi kompla fl-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2017[44], u dan ġie mistoqsi dwar jekk kienx baqa' xi pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud wieġeb li hija s-soċjetà konvenuta li qiegħda tippretendi li tiġi rimborsata mis-soċjetà attriċi. Lix-xhud sarlu riferiment għall-fatt li kien hemm bażi ta' ftehim bejn il-partijiet rigward ħlasijiet li s-soċjetà konvenuta kellha tagħmel favur is-soċjetà attriċi, liema ftehim ma ġiex iffirmat mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li r-raġuni għalfejn

---

[43] *A fol.* 569A tal-proċess.
[44] *A fol.* 571 tal-proċess.

ma kienx hemm qbil kienet li s-soċjetà attriċi ppretendiet ħlas għaż-żmien kollu meta l-ajruplan ma kienx qiegħed itir. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar il-morożità da parti tas-soċjetà konvenuta fir-rigward ta' ħlasijiet dovuti lis-soċjetà tal-assigurazzjoni, lil Transport Malta u lil Ryan Cremona. Huwa wieġeb li l-ħlasijiet dovuti lil Transport Malta eventwalment saru, anki jekk kien hemm proċeduri ġudizzjarji kontra s-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward, u li l-ħlasijiet dovuti lil 3Plex Aero saru wkoll għalkemm għal xi perijodu kien hemm il-ħtieġa li s-soċjetà konvenuta tifhem x'kienu l-problemi li minħabba fihom hija ma setgħetx ittir. Mistoqsi dwar il-kreditu ta' $33,000 li s-soċjetà attriċi qablet li għandha tivversa lis-soċjetà konvenuta, ix-xhud qal li dan l-ammont ma kienx suffiċjenti meta wieħed jikkunsidra x-xhur kollha li matulhom is-soċjetà konvenuta ma setgħetx topera titjiriet. Ix-xhud allega li kien hemm kollaborazzjoni illeċita bejn l-inġinier Ryan Cremona u s-soċjetà attriċi u qal li dan hu dovut għall-fatt li ġurnata wara li l-inġinier Cremona ttermina r-relazzjoni li kellu mas-soċjetà konvenuta, dan aċċetta li jkun kunsinnatarju tad-dokumentazzjoni kollha tal-ajruplani.

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2018 sar il-kontroeżami ta' Vincenzo di Grandi[45], li ġie muri d-dokument *a fol.* 150 tal-proċess iffirmat minn Valerio Santarelli, li x-xhud qal li dan kien il-persuna inkarigata mis-soċjetà konvenuta sabiex jieħu pussess tal-ajruplan inkwistjoni qabel dan inġieb Malta. Hu qal li Santarelli aċċetta l-kunsinna tal-ajruplan, u li mill-ewwel titjira li permezz tagħha l-ajruplan inġieb Malta, diġà kien hemm problema b'bieba minnhom tal-ajruplan. Ix-xhud iċċara li huwa mhuwiex rappreżentant tas-soċjetà konvenuta minkejja li l-familja tiegħu hi azzjonista ewlenija tas-soċjetà Hermes, u qal li hu ttella' jixhed minħabba li kien edott mill-fatti. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar il-

[45] *A fol.* 581 tal-proċess.

kwistjoni tal-konformità mal-*Airworthiness Directive* u wieġeb li ladarba ġie stabbilit li d-dokumentazzjoni riċevuta mis-soċjetà konvenuta kienet fir-rigward ta' ajruplan ieħor, kien qam waħdu s-suspett li l-ajruplan mikri mis-soċjetà konvenuta ma kinitx saret fuqu l-manutenzjoni meħtieġa skont ir-regoli internazzjonali stabbiliti. Ix-xhud ikkonferma li l-*Air Operators Certificate* inkiseb mis-soċjetà konvenuta fil-15 ta' Diċembru, 2014, u li mingħajr dan iċ-ċertifikat, din ma setgħetx topera titjiriet pubbliċi iżda biss titjiriet privati.

Ix-xhud esebixxa dokument[46], li abbażi tiegħu s-soċjetà konvenuta ppruvat tikseb kompromess mas-soċjetà attriċi, u dan minkejja li hi kienet qiegħda tirreklama danni fl-ammont ta' aktar minn mitejn elf Euro, imma kien jeħtieġ li tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha l-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti fliet bir-reqqa kemm id-dokumentazzjoni voluminuża li tinsab in atti, kif ukoll id-depożizzjonijiet tax-xhieda li tressqu mill-partijiet f'din il-kawża. Qabel tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-mertu, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi minħabba li ma ġiex stabbilit taħt liema dispożizzjoni tal-liġi tressqet l-azzjoni tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti tirrileva li l-elementi li għandhom jiffurmaw parti minn rikors maħluf *ai termini* tal-artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma s-segwenti:

---

[46] *A fol.* 592 tal-proċess.

(a) Dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;

(b) Ir-raġuni tat-talba;

(c) It-talba jew talbiet li għandhom ikunu enumerati.

Ħarsa ħafifa lejn ir-Rikors Maħluf imressaq mis-soċjetà attriċi turi li l-ebda wieħed minn dawn l-elementi mhuwa nieqes, u li l-premessi kif ukoll ir-raġunijiet għat-talba huma mfissra b'mod ċar, u huma wkoll enumerati. Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom dwar dan f'diversi sentenzi, hekk per eżempju dik fl-ismijiet **Antonia Zahra *vs.* Raymond Borg**[47], fejn il-Qorti qalet hekk:

"Illi fl-ewwel lok jingħad illi llum hija ġurisprudenza li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.

Illi skont is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet **Michael Attard nomine *vs.* Raymond Galea**, deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998, intqal illi, 'bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ' u 'kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorożità proċedurali, u il-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża' (**Aquilina *vs.* Cassar**, Vol. LXXVI.iv.666).

Illi l-emendi li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, huma mmirati proprju għalhekk, għaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-ġustizzja fil-każ in partikolari jiġi moqdi ġeneralment biss b'deċiżjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawża, u dak huwa dak li fil-verità l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-proċedura jeżistu biex jipprovdu l-aħjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jinġieb bl-aħjar u

[47] P.A., 29.09.2015.

> bl-iżjed mod spedjattiv għall-konferma tiegħu u dan entro l-limiti tal-liġi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jiġi abbużat.
>
> Illi għalhekk l-ebda prinċipju tal-ġustizzja ma għandu jħalli d-dritt proċedurali jieħu s-sopravvent fuq id-dritt sostantiv, b'mod li l-formaliżmu li mill-estrem tiegħu jiddetta l-effettiva eżekuzzjoni u implimentazzjoni tal-ġustizzja skont il-liġi (vide **Anthony Abdilla et *vs.* Emmanuel Deguara**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999)."

Illi huwa għalhekk li din l-eċċezzjoni preliminari għandha tiġi miċħuda, *stante* li lill-Qorti ma jirriżultawlhiex l-estremi ikkontemplati mil-leġiżlatur biex dan ir-Rikors Maħluf jitqies li huwa null.

Il-Qorti ikkunsidrat kif is-soċjetà konvenuta, li kienet għadha qiegħda tipprova tistabbilixxi ruħha fil-qasam tal-avjazzjoni, daħlet għall-kiri ta' ajruplan mingħand is-soċjetà attriċi, fornitur ewlieni ta' ajruplani u ta' partijiet u *components* tagħhom. Fil-bidu, kif jirriżulta mill-provi, is-soċjetà konvenuta kellha likwidità biżżejjed biex l-obbligi li daħlet għalihom mas-soċjetà attriċi setgħu jiġu sodisfatti, tant li sar ħlas mhux biss ta' xahar kera tal-ajruplan bil-quddiem, iżda ħallset ukoll tliet xhur kera bħala depożitu (*security payment)*, u dan meta s-soċjetà konvenuta kienet għadha lanqas biss bdiet bl-operat tagħha. Jirriżulta wkoll, punt dan li ġie sollevat mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, illi filwaqt li t-talbiet attriċi huma biex din il-Qorti tiddikjara li l-ftehim ta' kera, 'l hekk imsejjaħ *aircraft lease agreement* li jġib id-data tas-26 ta' Marzu, 2014, huwa tterminat, u sabiex din il-Qorti tordna r-ritorn tal-ajruplan mertu ta' dawn il-proċeduri lura lis-soċjetà attriċi flimkien mad-dokumenti relattivi tal-istess ajruplan, mill-banda l-oħra hekk kif is-soċjetà attriċi bagħtet it-*termination letter* tagħha, is-soċjetà attriċi aġixxiet daqslikieku l-kirja minn dak il-mument kienet ġiet itterminata, tant hu hekk l-ajruplan u d-dokumenti inkwistjoni

illum qegħdin fil-pussess tagħha, u l-ajruplan fil-preżent jinsab mikri lil terzi li mill-provi jirriżulta li dawn qegħdin joperawh regolarment. F'dan l-ambitu, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti tikkontendi li s-soċjetà attriċi m'għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tibqa' tavvanza l-pretensjonijiet tagħha *stante* li l-eżitu ta' dawn il-proċeduri ma jistgħu jissarrfu fl-ebda riżultat vantaġġuż jew skop utili għaliha. Is-soċjetà konvenuta argumentat ukoll li l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti sat-tmiem tal-kawża, u li ladarba fil-mori tal-kawża s-soċjetà attriċi rriprendiet il-pussess tal-ajruplan, din m'għad għandha ebda interess tmexxi 'l quddiem l-azzjoni odjerna u lanqas għandha interess fl-eżitu tagħha. Minkejja li l-kwistjoni dwar jekk s-soċjetà attriċi għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkompli tavvanza l-pretensjonijiet tagħha 'l quddiem ma kinitx waħda mill-eċċezzjonijiet imqajma mis-soċjetà konvenuta fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha, iżda dan kien punt li ġie sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, il-Qorti tqis li din hija kwistjoni ta' ordini pubbliku li tista' titqajjem u tiġi indirizzat mill-Qorti *ex officio*. Dan il-punt ġie elaborat mill-Qrati tagħna f'diversi sentenzi, fosthom f'deċiżjoni fl-ismijiet **Kevin Chircop vs Joseph Chircop**[48], fejn il-Qorti qalet:

> "Il-karenza tal-interess fl-attur ġie sollevat mill-Qorti *marte proprio* billi ħasset li din kienet kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-ġudikant hu obbligat li jirrilevaha *ex officio.* Dan in omaġġ għall-prinċipju superjuri anke għall-interess tal-partijiet, illi l-ġustizzja mhux sempliċiment tiġi amministrata, iżda anke li din tkun qed tiġi amministrata sew u skont il-liġi. Il-prinċipju tal-interess ġuridiku, dirett, leġittimu u attwali fkull min jipproponi azzjoni, irid jiġi allura skrupolożament imħares bis-solennità proċedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-ġudizzju."

[48] P.A., 28.01.2004.

F'sentenza fl-ismijiet **Pietro Paolo Borg** ***vs.*** **Giuseppe Caruana**[49], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna tul is-snin, u ssintetizzathom b'dan il-mod:

> "In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li linteress hu l-miżura tal-azzjoni (Vol. XXXVII. II. 608), u r-rekwiżit tal-interess hu indispensabbli għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII.I. 507). L-interess hu l-bażi tal-azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX. I. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġia twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108; Vol. XXXVII. I. 57; XXXVII. II.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn li d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXXVIII. II. 317)."

Il-Qorti qieset li għad li t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' kera saret permezz ta' att unilaterali da parti tas-soċjetà attriċi, wara d-data tat-13 ta' Jannar, 2015 is-soċjetà attriċi ġabet ruħha bħallikieku l-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet u l-obbligi kontrattwali li tnisslu minnu ġew itterminati, tant hu hekk li llum il-ġurnata is-soċjetà attriċi tinsab fil-pussess tal-ajruplan inkwistjoni, u llum dan jinsab mikri mill-ġdid lil terzi. Il-fatt li l-kuntratt ġie tterminat b'att unilaterali u b'mod li jista' jagħti lok għal riżarċiment għad-danni fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, kif qiegħed jintalab fil-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta, hu irrelevanti sa fejn it-talba mressqa fir-rikors promutur hi limitata għal dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-kuntratt ta' kera ġie tterminat, u għar-ritorn tal-ajruplan li wara kollox jinsab fil-pussess tal-istess soċjetà attriċi, *stante* li d-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talbiet attriċi ma tista' tagħti l-ebda riżultat utili u

[49] Appell, 03.12.1984, Vol. LXVIII. II. 233.

vantaġġuż lis-soċjetà attriċi li unilateralment kienet bagħtet tinforma lis-soċjetà konvenuta li l-kirja ntemmet, u skont il-*managing director* tagħha Mark Westley dan kien sar għal raġunijiet ta' *damage control,* u li llum il-ġurnata tinsab fil-pussess sħiħ tal-ajruplan mertu ta' din il-kawża, tant li qiegħda tużah għal skopijiet kummerċjali.

In vista ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi m'għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkompli tavvanza l-pretensjonijiet tagħha 'l quddiem, *stante* li f'dan l-istadju l-azzjoni kif proposta minnha stess ma tista' tissarraf fl-ebda riżultat utili jew vantaġġjuż għaliha.

Minkejja dan il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-kontrotalba mressqa mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, u tibda billi tirrileva kif l-allegazzjonijiet ewlenin li saru mis-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta jippernjaw madwar l-istat finanzjarju li sabet ruħha fih is-soċjetà konvenuta ftit ġimgħat biss wara li kienet bdiet l-operat tagħha, tant hu hekk li f'temp qasir kienet moruża fil-ħlas ta' diversi obbligazzjonijiet kontrattwali li kellha fost l-oħrajn ma' Transport Malta, ma' kumpannija tal-assigurazzjoni, ma' fornituri tas-servizz ta' manutenzjoni u mas-soċjetà attriċi li kritilha l-ajruplan.

Il-Qorti tqis li obbligu ewlieni li kellha s-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta kien li mhux biss tikrilha l-ajruplan, billi tikkonsenjah u tafdah lis-soċjetà konvenuta, bid-dokumentazzjoni uffiċjali relattiva li mingħajrha l-ajruplan ma jkunx jista' jtir, iżda wkoll li dan l-ajruplan ikun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni tant li jkun jista' jintuża għal perijodu ta' tnax-il xahar mingħajr il-ħtieġa ta' tiswijiet estensivi fuqu. Naturalment dan in omaġġ għall-prinċipju kardinali tal-liġi ċivili li l-oġġett mikri irid ikun jista' jintuża għall-iskop li għalih

ikun inkera. Madanakollu jirriżulta mill-provi li nġiebu quddiem il-Qorti li saħansitra fl-ewwel titjira meta dan kellu jinġieb minn bażi f'Montpellier fi Franza lejn Malta, diġà kien hemm l-ewwel problemi b'bieba li ma kinitx tinfetaħ, u dan meta s-soċjetà attriċi kienet ikkonsenjat l-ajruplan inkwistjoni xahar wara d-data miftiehma mas-soċjetà konvenuta bl-iskuża li riedet issir manutenzjoni estensiva fuq dan l-ajruplan skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. In vista ta' din l-ewwel problema riskontrata mis-soċjetà konvenuta, hekk kif wasal f'Malta l-ajruplan kellu jittieħed minnufih fil-faċilitajiet ta' Lufthansa Technik sabiex isiru l-ewwel tiswijiet fuqu. Jirriżulta li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet aċċettat li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-manutenzjoni meħtieġa f'dak l-istadju, din allegat li l-ispiża li kellha titħallas lil Lufthansa Technik kienet esaġerata, u għalhekk irrifjutat li tagħmel tajjeb għall-ispiża tat-tiswijiet li kienu meħtieġa fuq il-bieba tal-ajruplan.

Il-Qorti qieset kif minkejja l-obbligu tas-soċjetà attriċi li tikkonsenja l-ajruplan fi stat tajjeb ta' manutenzjoni sabiex ikun jista' jintuża għall-iskop li għalih inkera, jiġifieri għal titjiriet kummerċjali, kienu diversi l-perijodi li fih dan l-ajruplan kellu jiġi *grounded* minħabba problemi tekniċi li nqalgħu. Il-Qorti semgħet lill-partijiet iwaħħlu f'xulxin għal dawn il-problemi tekniċi, bis-soċjetà attriċi tgħid li s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel manutenzjoni fuq bażi regolari kif mitlub minnha, u bis-soċjetà konvenuta titfa' dubji dwar jekk il-manutenzjoni estensiva li suppost kellha ssir mis-soċjetà attriċi fuq l-ajruplan qabel ma dan inġieb f'Malta, kinitx saret jew le. Il-Qorti semgħet lill-CAMO tas-soċjetà konvenuta, l-inġinier Ryan Cremona jixhed dwar kif kien hu li induna li d-dokumentazzjoni li kellha takkumpanja l-ajruplan mill-mument li dan ġie fdat f'idejn is-soċjetà konvenuta, kienet dokumentazzjoni li tirreferi għal manutenzjoni li saret fuq ajruplan ieħor, u li dan l-ajruplan ma kienx

konformi mal-*Airworthiness Directive checks* li kellu jkun suġġett għalihom, tant li dan l-ajruplan għamel żmien twil ma jistax jintuża (*grounded*) sakemm ġie konformi mal-i*standards* stabbiliti għal din l-industrija. Il-Qorti kkunsidrat kif l-inġinier Cremona xehed li kien hu, u mhux xi ħadd mill-partijiet fil-kawża, li induna li d-dokumentazzjoni li kien qiegħed itir biha l-ajruplan ma kinitx dik korretta, anzi kienet dokumentazzjoni li tirreferi għal ajruplan ieħor, u li meta ġie stabbilit li kien hemm *crack* fil-*bulkhead* li jista' jwassal biex l-ajruplan jitlef il-pressjoni tiegħu, saħansitra qamu dubji dwar jekk l-*AD checks* kinux saru kif miftiehem jew le. Is-soċjetà attriċi ppruvat targumenta li s-soċjetà konvenuta kienet bagħtet tekniku sabiex jassigura li l-ajruplan kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li kellu d-dokumentazzjoni kollha kif suppost, iżda is-soċjetà konvenuta wieġbet għal dan billi allegat li minkejja li hi bagħtet tekniku għal perijodu ta' erba' ġimgħat fi Franza sabiex jaċċetta l-konsenja tal-ajruplan, dan ma kienx tħalla jagħmel il-verifiki neċessarji min-naħa tas-soċjetà attriċi.

Minkejja dawn id-diverġenzi fix-xhieda mogħtija, il-Qorti tqis li ċertament kumpannija li għadha qiegħda tibda f'settur partikolari u li ssib ruħha f'sitwazzjoni fejn tkun qiegħda tiffaċċja problemi bħal dawk li rriżultaw mill-provi, ma tkunx bdiet l-operat u n-negozju tagħha fuq nota tajba, anki jekk dawk il-problemi ma jkunux attribwibbli għal xi aġir skorrett min-naħa tagħha. Ċertament li mill-provi rriżulta li hemm nuqqasijiet li jistgħu jiġu attribwiti lis-soċjetà konvenuta, li tista' titqies li kienet għadha *fledgling company* f'dan is-settur, bħalma hu l-fatt li t-tekniku tagħha aċċetta d-dokumentazzjoni mogħtija lilu meta din ma kinitx tappartjeni lill-ajruplan ikkonsenjat lilu. Imma l-Qorti tqis li hu verosimili ferm li s-soċjetà attriċi ma ħallietx it-tekniku mibgħut mis-soċjetà konvenuta jagħmel il-verifiki neċessarji. Nuqqas ieħor tas-soċjetà konvenuta kien li hija m'għamlitx l-arranġamenti neċessarji ma'

kumpannija li tipprovdi servizzi ta' manutenzjoni, bħalma hija l-Lufthansa Technik, minn qabel l-ajruplan inġieb f'Malta. Iżda dan in-nuqqas huwa insinifikanti meta tqis li hemm dubji serji dwar jekk il-manutenzjoni miftiehma bejn il-partijiet qabel ġie kkonsenjat l-ajruplan kinitx saret jew le. U meta wieħed jikkunsidra li l-problemi li bdew jirriżultaw hekk kif l-ajruplan inġieb f'Malta, li kienu tant kbar li l-ajruplan ma setax jittajjar għal perijodu konsiderevoli ta' żmien, ċertament li ma kinux problemi dovuti għal nuqqas ta' manutenzjoni ta' rutina, kif ippruvat tallega s-soċjetà attriċi. Xaqq fil-*bulkhead* li jista' jirriżulta f'dekompressjoni fl-ajruplan waqt li jkun qiegħed itir, ċertament li huwa t-tip ta' difett li ma kienx jirriżulta li kieku saret il-manutenzjoni estensiva li kellha issir fuq l-ajruplan qabel dan inġieb Malta. Ix-xhud Mark Westley xehed li n-negozju tiegħu jinvolvi x-xiri ta' ajruplani li jkunu kważi kważi fi tmiem il-ħajja lavorattiva tagħhom, u li għalhekk ikunu jeħtieġu tiswijiet estensivi fuqhom qabel jerġgħu jibdew jintużaw. Il-fatt li difetti bħal dawk deskritti mir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta ma ġewx msewwija qabel il-kunsinna tal-ajruplan, huwa indikattiv tal-fatt li s-soċjetà attriċi naqset milli tonora obbligu ewlieni li kellha, dak li tassigura li l-ajruplan ipprovdut minnha jkun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tant li jkun jista' jintuża mingħajr il-ħtieġa li jsiru manutenzjonijiet estensivi fuqu għal perijodu ta' mill-anqas tnax-il xahar.

Il-Qorti tqis illi minkejja l-obbligu ċar li kellha s-soċjetà attriċi li tassigura li l-ajruplan ikkonsenjat ikun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li għal perijodu ta' tnax-il xahar dan ma jkun jeħtieġ l-ebda manutenzjoni estensiva oħra, fil-verità għal perijodi pjuttost sostanzjali mill-ftit xhur li l-ajruplan inkwistjoni dam jiġi operat mis-soċjetà konvenuta, dan l-ajruplan kellu bżonn ta' tiswijiet estensivi riżultat ta' ħsarat li setgħu jikkompromettu s-sigurtà tal-ajruplan u l-

ħajja tal-passiġġieri. Is-soċjetà attriċi ppruvat tattribwixxi dan għall-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel manutenzjoni ta' rutina fuq l-ajruplan skont proċeduri stabbiliti mill-manifattur. Iżda t-tip ta' ħsarat li rriżultaw fuq l-ajruplan mhumiex riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni regolari, iżda huma ħsarat fl-ajruplan li meta ġie kkonsenjat, ma setax jaqdi l-funzjoni li għaliha ġie mikri.

Il-Qorti semgħet lill-esponenti tas-soċjetà konvenuta jixhdu kif mal-wasla ta' dan l-ajruplan f'Malta, sar-roti u l-brejkijiet tiegħu kellhom jinbidlulu, u ċertament li l-ebda kumpannija li b'ħerqa tkun qiegħda tistenna l-wasla tal-vejikolu meħtieġa biex tibda l-operat tagħha, ma tkun tixtieq tibda l-operat billi tissottometti l-ajruplan għal tiswijiet estensivi, li mingħajrhom dan l-ajruplan ma setax itir. L-inġinier Ryan Cremona saħansitra qajjem dubju dwar jekk hux minnu li s-soċjetà attriċi *għamlet l-AD checks* kif rikjest minnha, u dan meta s-soċjetà attriċi kienet obbligat ruħha li dan l-ajruplan ma jkollu bżonn li ssirlu l-ebda manutenzjoni estensiva oħra għal perijodu ta' tnax-il xahar.

Il-Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta kienet għadha kumpannija ġdida f'dan is-settur, u jista' jkun li s-*setup* li ħasbet għalih ma kienx adegwat biex jilqa' għal dawn il-problemi li feġġew sa mill-ewwel ftit sigħat tal-operat tagħha. Iżda l-Qorti tqis ukoll li l-ebda kumpannija, lanqas l-aktar waħda ta' esperjenza fis-settur, mhija obbligata jkollha l-*foresight* li tilqa' għall-eventwalitajiet kollha li seħħew tul ir-relazzjoni kummerċjali li kellhom bejniethom il-partijiet. Jidher li s-soċjetà attriċi kienet konsapevoli ta' dawn in-nuqqasijiet serji da parti tagħha, tant li għamlet l-offerta tal-għotja ta' kreditu fl-ammont ta' $30,000 bħala sinjal ta' rieda tajba fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, liema offerta ma ġietx aċċettata u dan minħabba li s-soċjetà konvenuta ppretendiet li

m'għandhiex tħallas kera għall-ġimgħat kollha li fihom l-ajruplan ma setax jittajjar minħabba ħsarat tekniċi.

Il-Qorti kkunsidrat it-totalità tal-provi li tressqu quddiemha, fosthom il-fatt li l-ajruplan ma kienx konformi mal-*conditions of delivery* li ġew pattwiti bejn il-partijiet, fattur ewlieni dan li kien ikkontribwixxa għall-problemi waħda wara l-oħra li bdiet tħabbat wiċċha magħhom is-soċjetà konvenuta, u li wasslu biex l-operat tas-soċjetà konvenuta kien kompromess sa minn stadju bikri tal-operat tagħha. Fl-istess żmien li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tipprova tibni r-reputazzjoni tagħha, sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha twaqqaf ħesrem r-relazzjonijiet kummerċjali li hija kellha ma' terzi, kif ukoll il-fatt li eventwalment is-soċjetà konvenuta kellha twaqqaf l-operat tagħha kompletament, u dan minħabba li ma setgħetx tkampa f'suq bħalma hu dak tal-avjazzjoni bit-tip ta' problemi li kontinwament bdiet tħabbat wiċċha magħhom. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-soċjetà attriċi naqset milli tikkomporta ruħha bil-*buona fede* meħtieġa f'relazzjonijiet kummerċjali ta' din ix-xorta, u dan sa mill-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, meta l-kunsinna tal-ajruplan mikri ma saritx skont it-termini miftiehma bejn il-partijiet, tant li l-ajruplan mikri ma setax jintuża għall-iskop li għalih inkera.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fil-kontrotalba tagħha qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata naqset milli twettaq l-obbligi tagħha kif naxxenti mill-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet, inkluż l-obbligu li tiggarantixxi l-paċifiku pussess tal-ajruplan, u l-obbligu li tonora l-*conditions of delivery*, u l-mod kif din unilateralment itterminat il-kuntratt u ħalliet lis-soċjetà konvenuta lampa stampa f'sitwazzjoni fejn din ma kellha l-

ebda għażla oħra ħlief li ttemm l-operat tagħha, tant li anki rrinunzjat għaċ-ċertifikazzjoni li kellha li permezz tagħha setgħet topera titjiriet. Huwa f'dan il-kuntest li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda titlob lil din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha, liema danni hija tippretendi li għandhom ikunu fis-somma ta' $661,231.40, skont il-prospett esebit *a fol.* 346 tal-proċess u d-dokumentazzjoni esebita mis-soċjetà konvenuta in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha. Skont il-prospett li ġie esebit mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, din qiegħda tippretendi l-ħlas lura tas-*security deposit* imħallas minnha ta' $240,000 rappreżentanti tliet xhur kera tal-ajruplan bil-quddiem u dan il-ħlas sar saħansitra minn qabel il-kunsinna tal-ajruplan.

Il-Qorti tqis li t-talbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għandhom jintlaqgħu proprju minħabba l-fatt li s-soċjetà attriċi naqset fir-rigward tal-obbligu ewlieni li kellha li tikkonsenja l-ajruplan fi stat tajjeb ta' manutenzjoni li jkun jista' jintuża għall-iskop li nkera għalih. U in vista tal-fatt li sa mill-ewwel ftit jiem tal-kunsinna ta' dan l-ajruplan, dan kellu jgħaddi minn diversi proċessi ta' tiswijiet, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-imsemmi *security deposit* għandu jitħallas lura lis-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda tippretendi wkoll il-ħlas lura mis-soċjetà attriċi ta' $193,634.14 skont it-*timesheet on leasing invoices*[50], rappreżentanti l-kirjiet attwalment imħallsa mis-soċjetà konvenuta għal numru ta' ġranet li fihom l-ajruplan inkwistjoni ma setax jintuża minħabba li kienet qiegħda ssir manutenzjoni fuqu biex jikkonforma mal-*Airworthiness Directive.* Mill-provi rriżulta li s-soċjetà konvenuta saret taf f'Awwissu, 2014 mingħand l-inġinier Ryan Cremona li kien jeħtiġilha li tikkonforma mal-

[50] Esebita *a fol.* 361 tal-proċess.

*Airworthiness Directive* kif aġġornata, u li minkejja dan, hi baqgħet m'għamlet xejn u baqgħet tidħol f'kuntratti kummerċjali ma' terzi li kienu jinvolvu l-użu ta' dan l-ajruplan, minkejja li kienet taf li ser jasal il-mument li fih dan l-ajruplan ma kienx ser ikun jista' jintuża għal xi żmien biex ikun jista jikkonforma mal-AD kif aġġornata. In vista ta' dan, il-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta setgħet ħadet miżuri biex timmitiga d-dannu li sofriet waqt li l-ajruplan ma setax jintuża minnha, u huwa għalhekk li qiegħda tqis li dan l-ammont partikolari pretiż mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti m'għandux jitħallas mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda wkoll tippretendi mingħand s-soċjetà attriċi il-ħlas ta' $98,975 rappreżentanti flejjes imħallsa lis-soċjetà assiguratriċi Generali Assicurazioni għall-perijodu li fih l-ajruplan ma setax jintuża b'rabta mal-*AD checks* li kellhom isirulu. Għar-raġuni diġà spjegata aktar 'il fuq, il-Qorti tqis li lanqas dan l-ammont m'għandha tagħmel tajjeb għalih is-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda titlob ukoll mingħand is-soċjetà attriċi l-ħlas ta' $149,553.32 għall-kiri ta' ajruplani għall-perijodu bejn il-15 ta' Diċembru, 2014 u t-22 ta' Diċembru, 2014, perijodu li fih is-soċjetà konvenuta kellha tikri ajruplani alternattivi mingħand terzi sabiex taqdi l-obbligi kummerċjali tagħha, u dan meta s-soċjetà konvenuta kienet għadha kif kisbet ċertifikazzjoni mill-EASA u liċenzjar biex tkun tista' tkompli topera t-titjiriet fil-15 ta' Diċembru, 2014. Irriżulta però mix-xhieda mogħtija mill-inġinier Ryan Cremona li fil-15 ta' Diċembru, 2014 proprju fil-ġurnata li fiha s-soċjetà konvenuta kisbet il-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa, l-ajruplan inkwistjoni reġa' ttieħed fil-faċilitajiet tal-Lufthansa Technik għal aktar

tiswijiet, u kien għalhekk li s-soċjetà konvenuta kellha tikri ajruplani mingħand żewġ kumpanniji oħrajn sabiex setgħet taqdi l-obbligi kummerċjali li kellha. In vista tal-fatt li jirriżulta li l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li l-ajruplan inkwistjoni kellu jkun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni tant li għal perijodu ta' tnax-il xahar ma kienx ser ikun jeħtieġ tiswijiet estensivi, jirriżultalha għalhekk li din l-ispiża saret mis-soċjetà konvenuta proprju minħabba ksur tat-termini kontrattwali da parti tas-soċjetà attriċi. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna li s-soċjetà attriċi għandha tagħmel tajjeb għal din l-ispiża inkorsa sabiex inkrew ajruplani mingħand terzi għal perijodu ta' għaxart ijiem.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda tippretendi mingħand is-soċjetà attriċi l-ħlas ta' $62,001.19 rappreżentanti tariffi mħallsa lil Transport Malta sabiex hi tkun tista' topera liċenzja għal titjiriet, li din il-Qorti tqis li m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata in vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti kienet fil-libertà li tikri ajruplani mingħand kumpanniji oħrajn, kif fil-fatt għamlet, sabiex tkun tista' topera titjiriet, u b'hekk tutilizza l-liċenzja mħallsa minnha.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti talbet ukoll il-ħlas ta' $39,743.58 rappreżentanti telf ta' qligħ fuq biljetti mibjugħa minnha u li kellhom jiġu rifużi lill-passiġġieri minħabba li t-titjiriet ġew ikkanċellati, kif ukoll il-ħlas ta' $102,547.50 rappreżentanti kumpens imħallas lill-passiġġieri in vista tal-fatt li t-titjiriet tagħhom ġew ikkanċellati wara li s-soċjetà attriċi elevat id-dokumentazzjoni kollha rilevanti għall-ajruplan u s-soċjetà konvenuta kienet kostretta twaqqaf l-operat tagħha ħesrem. Il-Qorti kkunsidrat li in vista tal-fatt li d-dokumentazzjoni rilevanti tal-ajruplan ġiet elevata mill-pussess tas-soċjetà

konvenuta mingħajr ebda preavviż jew l-iċken indikazzjoni li kien ser isir hekk, għalhekk kien hemm nuqqas ta' *buona fede* u ta' prattiċi kummerċjali tajba, *stante* li b'konsegwenza ta' din il-manuvra s-soċjetà konvenuta kellha twaqqaf ħesrem l-operat tagħha mil-lum għal għada. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għandha tagħmel tajjeb għall-imsemmija danni attwalment sofferti mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

Finalment is-soċjetà konvenuta talbet il-ħlas tas-somma ta' $9,365.44 rappreżentanti spejjeż imħallsa lil Lufthansa Technik b'rabta mat-tiswija li saret fuq il-bieba tal-ajruplan hekk kif dan inġieb Malta, u li s-soċjetà attriċi ppromettiet li tħallas, iżda li baqgħet ma ħallsitx. Il-Qorti kkunsidrat li ladarba dan hu ħlas li kellu jsir b'rabta mal-kunsinna tal-oġġett f'kundizzjoni tajba, l-ispiża marbuta mat-tiswija tal-bieba tal-ajruplan għandha tagħmel tajjeb għaliha s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata. It-total tad-danni li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għandha tħallas lill-konvenuta b'rabta mad-danni sofferti hi ta' $541,209.84.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **In vista tal-fatt li ġie stabbilit li s-soċjetà attriċi ma kellhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkompli tmexxi 'l quddiem il-kawża ppreżentata minnha, tiċħad it-talbiet attriċi;**

**2. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata naqset li twettaq l-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kiri bejn il-partijiet meta: (i) naqset illi tiggarantixxi l-paċifiku pussess tal-ajruplan mertu tal-kawża; (ii) naqset illi tonora l-obbligi kontrattwali tagħha rigward il-*conditions of delivery* skont l-imsemmi kuntratt; u (iii) meta tterminat unilateralment l-imsemmi kuntratt;**

**3. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata naqset milli taġixxi u tesegwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet *in buona fede*;**

**4. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, u mit-twaqqif tal-operat tagħha da parti tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata fis-somma ta' ħames mija u wieħed u erbgħin elf, mitejn u disa' Dollari Amerikani u erbgħa u tmenin ċenteżmu ($541,209.84);**

**5. Tordna u tikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tħallas is-somma hekk likwidata lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà attriċi.**

Moqrija.